

Brussell, 3 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16376/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/3502 (COD)**

**ECOFIN 1683
RELEX 1620
COEST 874
FIN 1507
CODEC 2016
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 3502 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 3502 final.

Mehmuż: COM(2025) 3502 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2025
COM(2025) 3502 final

2025/3502 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-UE hija soda fl-appoġġ tagħha għall-Ukrajna, li l-futur tagħha jinsab fl-UE. L-UE tappoġġa l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u xejn ma huwa se jxekkel l-impenn tagħha li tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku¹. Fid-dawl tal-aggressjoni Russa li qed teskala, huwa neċessarju li tittieħed azzjoni rapida biex jiġi żgurat li l-Ukrajna jkollha aċċess għar-riżorsi li teħtieġ b'urġenza. Din il-proposta hija mfassla biex tiżgura l-istabbiliment ta' strument ġdid biex jindirizza dawk il-ħtiġijiet urġenti, billi tipprovdi assistenza tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' self li għandu jitħallas lura permezz tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja.

L-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna mir-Russja, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, kellha impatt ta' ħsara profonda fuq il-pajjiż u fuq iċ-ċittadini tiegħu. Minkejja l-isforzi diplomatiċi mill-Istati Uniti u mill-Ewropa biex tinkiseb riżoluzzjoni paċifika, u r-rieda tal-Ukrajna li tidħol fi djalogu biex tintemm il-gwerra, ir-Russja intensifikat l-attakki tagħha fuq l-Ukrajna, filwaqt li mmirat apposta lejn il-popolazzjoni ċivili u l-infrastrutturi kritiċi. Din l-eskalazzjoni kompliet taggrava l-kriżi umanitarja, ikkawżat tbatija immensa għall-poplu tal-Ukrajna u żiedet il-kost uman u finanzjarju kolossali ta' din l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata. Il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja hija ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, tas-sovranità u tal-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll ksur tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza stabbilita fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), li hija regola perentorja tad-dritt internazzjonali, u tal-prinċipji l-oħrajn tal-Karta tan-NU. Id-determinazzjoni u l-kuraġġ sodi murija mill-Ukreni fid-difiża ta' arthom huma xhieda tas-saħħa tagħhom u jistħoqqilhom ammirazzjoni u apprezzament profondi.

Bi tweġiba għall-eskalazzjoni riċenti tal-attakki tar-Russja, fit-23 ta' Ottubru 2025, 26 Stat Membru tennew ir-rieda tagħhom li jipprovdu, f'koordinazzjoni u ma' sħab u ma' alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Fl-istess waqt, dawk is-26 Stat Membru impenjaw ruħhom li jindirizzaw il-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-2026-2027. Sa mill-bidu tal-kunflitt, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kollettivament ipprovdu lill-Ukrajna b'assistenza komprensiva li tammonta għal EUR 187,3 biljun, li tenfasizza d-dedikazzjoni soda tal-UE biex tappoġġa lill-Ukrajna għad-durata u sal-livell neċessarji.

Madankollu, l-aggressjoni intensifikata tar-Russja żiedet il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u tesiġi investiment urġenti fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena. Issa huwa ċar li huma neċessarji sorsi addizzjonali ta' finanzjament kemm mill-UE kif ukoll mill-komunità internazzjonali. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna għall-2026 u għall-2027 huma mistennija jaqbu l-projezzjonijiet eżistenti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), li t-tmien rieżami tiegħu tal-Programm tal-FMI jenfasizza li r-riskji u l-inċertezza jibqgħu eċċezzjonalment għoljin, billi l-programm eżistenti għandu ambitu limitat sabiex jassorbi kwalunkwe xokk ġdid, inkluż minn gwerra li tiegħu aktar fit-tul u li hija aktar intensa. Fid-9 ta' Settembru 2025, l-Ukrajna ppreżentat talba uffiċjali għal programm ġdid tal-FMI sabiex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali mill-2026 sal-2029. Il-kapaċità tal-FMI

¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, is-27 ta' Ġunju 2024; EUCO 15/24.

li jipproċedi b'dan il-programm hija kontinġenti fuq ir-riċevuta ta' aċċertamenti ta' finanzjament suffiċjenti mis-sħab, inkluża l-Unjoni.

L-abbozz tal-baġit tal-Ukrajna ppreżentat reċentement għall-2026, żviluppat f'kooperazzjoni mal-FMI, jipproġetta nefqa ta' EUR 56 biljun fuq id-difiża u fuq is-sigurtà, appoġġata minn EUR 51,6 biljun f'assistenza militari *in natura*. Minħabba l-impatt negattiv tal-gwerra fuq l-ekonomija tal-Ukrajna, dak il-baġit jipproġetta li, minbarra l-assistenza *in natura* neċessarja, hemm bżonn ta' EUR 43 biljun f'għajnuna internazzjonali. Minn Novembru 2025, EUR 22 biljun biss ġew impenjati b'konvinzjoni. L-Ukrajna għandha lok limitat għal aġġustamenti fiskali addizzjonali, peress li aktar tnaqqis fl-infiq jew żidiet fit-taxxa jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekonomija, li diġà hija vulnerabbli minħabba l-ħsara fl-infrastruttura ewlenija, in-nuqqas ta' ħaddiema, u l-ispostament u l-mobilizzazzjoni kontinwi tan-nies. L-assistenza finanzjarja rapida hija vitali biex tgħin lill-Ukrajna żżomm funzjonijiet Statali essenzjali, tiżgura l-istabbiltà makroekonomika, tirriabilita l-infrastrutturi kritiċi tal-enerġija, u tinvesti fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża tagħha. Dawn il-ħtiġijiet jiżdiedu mar-rekwiżiti sinifikanti għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni fit-terminu medju.

Fid-dikjarazzjoni tas-summit tagħhom tat-2 ta' Ottubru 2025², il-Ministri għall-Finanzi tal-G7 qablu li jieħdu passi konġunti sabiex iżidu l-perssjoni fuq ir-Russja sabiex ittemm il-gwerra ħarxa kontinwa tagħha kontra l-Ukrajna u biex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-isforzi kontinwi tagħha sabiex tiddefendi lilha nnifisha. B'mod partikolari, il-Ministri għall-Finanzi tal-G7 impenjaw ruħhom li jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' għażliet sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna, inkluż li jużaw b'mod koordinat il-valur sħiħ tal-assi Russi immobilizzati fil-ġurisdizzjonijiet tal-G7 sabiex tintemm il-gwerra u tiġi żgurata paċi ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, b'mod konsistenti mal-oqfsa legali tal-G7. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2024, tas-17 ta' Ottubru 2024, tad-19 ta' Diċembru 2024 u tat-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew iddikjara li, soġġett għad-dritt tal-Unjoni, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sa ma r-Russja twaqqaf il-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra.

Minkejja l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra l-aggressjoni tar-Russja u, fejn possibbli, għar-rikostruzzjoni, il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-Ukrajna bħalissa hija limitata u ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-Ukrajna. F'dan l-isfond, qed jiġi propost li jiġi stabbilit strument ta' appoġġ ġdid għall-Ukrajna li jlaħħaq mal-EUR 210 biljun, li l-Ukrajna tħallas lura biss ladarba tirċievi r-reparazzjonijiet mingħand ir-Russja, iffinanzjati minn bilanċi tal-flus f'istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li jakkumulaw minħabba li ma humiex permessi tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja.

Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna

Minkejja l-ħtiġijiet enormi tal-Ukrajna, l-abilità għall-Istat tal-Ukrajna li jkompli jiddejjien hija limitata ħafna. Id-dejn tal-Ukrajna għall-PDG kiber drastikament sa mill-bidu tal-gwerra, żdied minn inqas minn 50 % tal-PDG fl-aħħar tal-2021 għal 85 % tal-PDG fl-2025 (aktar minn 100 % tal-PDG inkluż is-self għall-aċċellerazzjoni ta' dħul straordinarju (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration). Minħabba l-qerda sinifikanti li l-gwerra kellha fuq il-produttività u l-effett ta' trażżin kontinwu li l-gwerra għandha fuq id-dinamika tat-tkabbir, ma huwiex possibbli li l-ħtiġijiet sinifikanti ta' finanzjament tal-Ukrajna jiġu indirizzati billi l-Ukrajna tkompli tiddejjien.

² Id-Dikjarazzjoni tal-Ministri għall-Finanzi tal-G7, G7 2025 Kananaskis.

Fl-istess ħin, il-finanzi tal-Istati Membri għadhom qed jirkupraw minn suċċessjoni ta' kriżijiet matul l-aħħar 10 snin, inklużi l-ispejjeż sinifikanti ġġenerati mill-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna u mill-kampanja ibrida tar-Russja kontra l-Unjoni. Il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi sinifikanti addizzjonali mill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw lill-Ukrajna tikkostitwixxi sfida ekonomika importanti.

F'dan il-kuntest ta' dinamika diffiċli tad-dejn tal-Ukrajna minħabba l-aggressjoni Russa kontinwa u l-isfidi assoċjati mal-finanzi tal-Istati Membri, inkluż minħabba l-azzjonijiet tar-Russja, huwa xieraq li tiġi żviluppata soluzzjoni innovattiva li ma hijiex mistennija li tpoġġi piż finanzjarju la fuq l-Ukrajna u lanqas fuq l-Istati Membri.

F'konformità mal-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonalment Illeċiti (ARSIWA, Articles on the Responsibility of States for Internationally Wrongful Acts) tal-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali³ u mad-dritt internazzjonali konswetudinarju, ir-Russja – bħala l-istat responsabbli – għandha l-obbligu tagħmel reparazzjoni sħiħa għadannu kkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. B'mod partikolari, l-Artikoli 30 – 32 tal-ARSIWA jipprevedu li *“L-Istat responsabbli għall-att internazzjonalment illegali għandu l-obbligu: (a) li jwaqqaf dak l-att, jekk ikun għadu għaddej; [...]”; “L-Istat responsabbli huwa obligat jagħmel reparazzjoni sħiħa għadannu kkawżat mill-att internazzjonalment illegali.” “Dannu jinkludi kwalunkwe ħsara, kemm jekk materjali kif ukoll morali, ikkawżata mill-att internazzjonalment illegali ta' Stat.”*

Fil-kuntest ta' dan l-obbligu legali fuq ir-Russja sabiex tagħmel reparazzjonijiet għadannu li kkawżat permezz tal-gwerra illegali tagħha ta' aggressjoni, huwa xieraq li l-Unjoni tipprovdi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna bħala self b'rikors limitat li jsir dovut u pagabbli meta l-Ukrajna tirċievi flus jew assi nonmonetarji mingħand ir-Russja bħala reparazzjonijiet tal-gwerra, indennizz jew kwalunkwe saldu finanzjarju mingħand ir-Russja, għajr territorju.

Finanzjament tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/335⁴ li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK⁵, li pprojbiet kwalunkwe tranżazzjoni relatata mal-ġestjoni tar-riżervi, kif ukoll ta' assi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, inklużi tranżazzjonijiet ma' kwalunkwe persuna ġuridika jew entità jew korp legali li jaġixxi f'isem il-Bank Ċentrali tar-Russja jew taħt id-direzzjoni tiegħu. Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/395⁶ sabiex jinkludi projbizzjoni bħal din li tikkonċerna l-Fond ta' Investimenti Nazzjonali Russu. Bħala riżultat ta' dawk il-projbizzjonijiet, l-assi rilevanti miżmuma mill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Membri huma “immobilizzati”. L-assi miżmuma fi ħdan il-fruntieri tal-Unjoni, li jiswew madwar EUR 210 biljun, jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' tali assi immobilizzati madwar id-dinja kollha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara ripetutament li, soġġett għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sa ma r-Russja

³ L-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonalment Illeċiti, 2001, Il-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/335 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 57, 28.2.2022, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/335/oj>).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj>).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/395 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 81, 9.3.2022, p. 8, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/395/oj>).

twaqqaf il-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat mill-gwerra tagħha.

Minn diversi investimenti tar-riżervi tal-muniti barranin tiegħu, il-Bank Ċentrali Russu għandu pretensjoni fuq ċerti istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni. Dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji rispettivi għandhom obligazzjoni li jħallsu lura lill-Bank Ċentrali Russu, fejn il-projbizzjoni tat-trasferimenti lill-Bank Ċentrali Russu bħalissa tipprojbixxi lil dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji milli jonoraw dik il-pretensjoni. Dik il-pretensjoni tal-Bank Ċentrali Russu hija l-assi tar-Russja, li hija akkumpanjata minn obligazzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji li jħallsu lura. Dak l-assi tal-Bank Ċentrali Russu – u bħala tali, l-obbligazzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja li tħallas lura – ma humiex se jintmessu, fejn ma jkun hemm l-ebda interferenza fid-drittijiet ta' proprjetà tal-Bank Ċentrali Russu.

Il-projbizzjoni tat-trasferimenti lill-Bank Ċentrali Russu tiġġenera akkumulazzjoni straordinarja u mhux mistennija tal-bilanċi tal-flus fuq il-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dik l-akkumulazzjoni hija dovuta għall-immobilizzazzjoni tal-assi u tar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, jew ta' kwalunkwe persuna ġuridika jew entità jew korp legali li jaġixxi f'isem, jew taħt id-direzzjoni tal-Bank Ċentrali tar-Russja, bħall-Fond ta' Investimenti Nazzjonali Russu, minħabba li kwalunkwe ħlas ta' kapital u ta' mgħax, ta' kupuni, ta' dividendi jew ta' introjtu ieħor fuq titoli lill-Bank Ċentrali tar-Russja u lil dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi huwa pprojbit. Dawn il-bilanċi tal-flus ma humiex il-proprjetà tal-Bank Ċentrali tar-Russja u ma humiex protetti minn immunità sovrana.

Sabiex tiffinanzja s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, l-Unjoni tiegħu b'self mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji l-bilanċi tal-flus li jakkumulaw minħabba li ma humiex permessi tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja. Dan huwa skambju tal-assi fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni finanzjarja rispettiva minn flus għal strument ta' dejn tal-Unjoni, iżda mingħajr impatt fuq l-obbligazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jħallsu lura lill-Bank Ċentrali Russu, ladarba jitneħħew is-sanzjonijiet.

Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet huwa mingħajr preġudizzju għall-pretensjoni tal-Bank Ċentrali tar-Russja. Dak l-assi ma huwiex impattat mill-miżuri pprovduti skont din il-proposta. Il-bilanċi tal-flus li jakkumulaw fil-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala riżultat tal-immobilizzazzjoni ma jappartjenux għall-Bank Ċentrali tar-Russja u ma jikkostitwixxux assi sovrani.

Fir-rigward tat-teħid b'self mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji, huwa nnotat li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/577⁷ tiċċara li t-tranżazzjonijiet ta' ġestjoni tal-karti tal-bilanċ marbuta ma' assi u ma' riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, jew marbuta ma' assi u ma' riżervi ta' kwalunkwe persuna ġuridika jew entità jew korp legali li jaġixxi f'isem, jew taħt id-direzzjoni tal-Bank Ċentrali tar-Russja, bħall-Fond ta' Investimenti Nazzjonali Russu, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tat-tranżazzjonijiet li ilha tapplika mit-28 ta' Frar 2022. It-tranżazzjonijiet ta' ġestjoni tal-karta tal-bilanċ li jibqgħu awtorizzati huma relatati b'mod partikolari mal-investment mill-ġdid tal-bilanċi tal-flus, li jakkumulaw b'mod partikolari minħabba pagamenti immobilizzati ta' kupuni jew ta' dividendi u ta' tiffidja u depożiti li jimmaturow, f'konformità ma' politika ta' investment prudenti, f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/577 tat-12 ta' Frar 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2024/577, 14.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/577/oj>).

L-Unjoni tuża r-rikavati fi flus minn dan l-istrument ta' dejn sabiex tiffinanzja Self Marbut mar-Reparazzjonijiet b'rikors limitat lill-Ukrajna. Dak is-self jitħallas lura mill-Ukrajna ladarba tirçievi r-reparazzjonijiet dovuti mingħand ir-Russja, li hija legalment intitolata għalihom. Għalhekk, is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jikkostitwixxi mekkaniżmu riversibbli, li permezz tiegħu, ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għat-tneħħija tas-sanzjonijiet kif espressi mill-Kunsill Ewropew u mill-G7 – jiġifieri r-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra – l-Ukrajna tħallas lura lill-Unjoni, l-Unjoni tħallas lura dak li tkun ħadet b'self mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji, u dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jħallsu lura lill-Bank Ċentrali Russu.

It-teħid b'self għal żmien limitat mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' bilançi tal-flus li jakkumulaw biss minħabba li ma humiex permessi tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja ma jintużax għan-nefqa ġenerali tal-Unjoni u jintuża esklużivament għall-iskop limitat ta' finanzjament tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna. Approċċ bħal dan tal-użu tal-bilançi tal-flus li ma jirriżultawx minn kuntest kummerċjali normali sabiex jiġi ffinanzjat self lill-Ukrajna huwa rispons limitat u proporzjonali għas-sitwazzjoni.

Is-self għandu jipproteġi bis-sħiħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni finanzjarja rilevanti u jippermettilha tonora l-impenji kuntrattwali kollha relatati mal-assi u mar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba lill-Unjoni sabiex jappoġġaw teħid b'self bħal dan. Dawk il-garanziji jistgħu jiġu pprovduti mill-Istati Membri f'konformità mas-sehem relattiv rispettiv tagħhom fl-Introjtu Nazzjonali Gross totali tal-Unjoni. Bħala t-tieni linja ta' difiża, l-Unjoni għandha tiġi attrezzata b'mekkaniżmu ta' likwidità, li jippermetti li t-teħid b'self tal-Unjoni jappoġġa l-ħlasijiet lura, jekk dan ikun neċessarju. Fl-aħħar nett, bħala t-tielet saff ta' difiża, l-Unjoni għandha tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha b'titoli ta' dejn tal-Unjoni. Din id-difiża fuq tliet saffi tiżgura li ma jkun hemm l-ebda xenarju li fih l-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti ma jitħallsux lura sabiex jiġi żgurati li jkunu jistgħu jirrispettaw l-impenji kuntrattwali kollha relatati mal-assi u mar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja.

L-obbligu għall-istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom assi u riżervi għall-Bank Ċentrali tar-Russja li jagħmlu dan l-investment huwa stabbilit f'atti separati. Minħabba l-kuntest li fih jittieħdu dawn il-miżuri u l-għan leġittimu tal-miżuri f'dik il-proposta ta' akkumpanjament għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni, b'mod partikolari l-preżervazzjoni tal-valuri, tal-interessi fundamentali, tas-sigurtà, tal-indipendenza u tal-integrità tal-Unjoni, il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-appoġġ għaliha, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt ta' awtodifiża, u l-projbizzjoni tal-aggressjoni skont il-Karta tan-NU, il-preżervazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili kif ukoll l-assistenza lill-popolazzjonijiet li jiffaċċjaw diżastri kkawżati mill-bniedem, bħal dawk inflitti fuq l-Ukrajna u fuq il-popolazzjoni tagħha mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, dawn il-miżuri jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha, peress li huma ġustifikati u proporzjonati għall-oġġettivi segwiti f'konformità mal 52.

Użu tal-fondi

Minħabba l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u l-inċertezza konsiderevoli dwar il-futur tal-gwerra, huwa kritiku li s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jitfassal b'mod flessibbli li jkun reattiv għas-sitwazzjoni. Għandu jkun hemm flessibbiltà sabiex il-flus jintużaw għall-

aktar ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament, kemm jekk xprunati mis-sitwazzjoni kurrenti tal-gwerra kif ukoll sabiex tiġi appoġġata r-rikostruzzjoni jekk tirrenja l-paċi.

Din il-proposta tipprevedi Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna li jingħata b'mod prevedibbli, kontinwu, orndat, flessibbli u tempestiv bl-għan li jappoġġa lill-Ukrajna fil-kopertura tal-ħtiġijiet tagħha ta' finanzjament u ta' difiża, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. B'mod speċifiku, is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna u jiffaċilita r-restrizzjonijiet ta' finanzjament estern tagħha, sew jekk xprunati mill-gwerra jew inkella mir-rikostruzzjoni, u jappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika.

Sabiex tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna u ttaffi r-restrizzjonijiet ta' finanzjament estern tagħha, il-proposta toħloq diversi għażliet li permezz tagħhom il-fondi jistgħu jiġu allokatu sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna, fejn l-appoġġ ikun jista' jiġi pprovdut permezz ta' assistenza makrofinanzjarja u permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Skont iż-żewġ strumenti, l-iżborżi jkunu marbutin ma' prekondizzjonijiet u ma' kundizzjonijiet ta' politika. Għall-assistenza makrofinanzjarja, dawk il-kundizzjonijiet jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil (MtQ) bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna inklużi kundizzjonijiet biex tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tad-dħul, jittejbu s-sostenibbiltà u l-kwalità tan-nefqa pubblika u jittejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabilità tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Għall-Faċilità għall-Ukrajna, il-Pjan għall-Ukrajna għandu jiġi aġġornat sabiex jirrifletti dawn l-ammonti addizzjonali, inklużi miżuri sabiex jissaħħu l-istat tad-dritt u l-għlieda kontra l-korruzzjoni.

Sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika, il-proposta tipprevedi assistenza li għandha l-għan li tippermetti lill-Ukrajna twettaq investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u tal-integrazzjoni tagħha fl-industrija tad-difiża Ewropea bħala rispons u b'segwitu għas-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti. Sabiex tissaħħaħ b'mod urġenti l-bażi industrijali tad-difiża tal-Ukrajna b'mod effiċjenti u awtonomu, il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiġu strutturati b'mod li jidderieġi l-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri biex jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena, filwaqt li titqies l-integrazzjoni gradwali futura tagħha fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea. Barra minn hekk, sabiex l-Ukrajna tkun tista' tuża l-assistenza finanzjarja u ekonomika bil-mod li jkun l-aktar adattat għaċ-ċirkostanzi, huwa xieraq li tkun tista' tuża l-fondi sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna b'metodi ta' implimentazzjoni differenti li jirriflettu d-diversità tal-ħtiġijiet.

L-assistenza finanzjarja u ekonomika disponibbli permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet issir aċċessibbli għall-Ukrajna f'konformità mal-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha. Għal dak l-għan, l-Ukrajna se tippreżenta Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna dwar il-ħtiġijiet u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna. Wara valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill japprova dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-ammont ta' assistenza li għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna sabiex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna.

Meta Stat Membru jġarrab dannu bħala riżultat ta' infurzar f'pajjiż terz ta' deċiżjonijiet arbitrali bejn l-investituri u l-Istat b'rabta ma' miżuri imposti fir-rigward ta' restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-Bank Ċentrali tar-Russja, l-Unjoni għandha tiżgura kondiviżjoni ġusta u solidarjetà ma' dak l-Istat Membru permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' garanzija mal-Istati Membri li jkopru r-riskju ta' tali danni. Proposti separati jiżguraw li dan il-mekkaniżmu

ta' kondiviżjoni ġusta u ta' solidarjetà jiġi interpretat sabiex jiġi evitat ħlas doppju lill-Bank Ċentrali tar-Russja meta titneħħa l-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Jekk jintalbu ammonti minn dawn il-garanziji, l-ammont dovut mill-Unjoni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jitnaqqas b'ammont ekwivalenti. Imbagħad, l-istituzzjonijiet finanzjarji jnaqqsu l-obbligazzjonijiet tagħhom lejn il-Bank Ċentrali tar-Russja b'ammont ekwivalenti. Sakemm jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet neċessarji skont is-sistema tar-riżorsi proprji u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali, dak il-mekkaniżmu ta' kondiviżjoni ġusta u ta' solidarjetà għandu jqis dawk l-Istati Membri li pparteċipaw fis-solidarjetà billi jikkondividu r-riskju skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

It-trattati bilaterali ta' investment konklużi bejn ċerti Stati Membri u l-Federazzjoni Russa ma humiex konsistenti mal-politika dwar il-protezzjoni tal-investment żviluppata mill-Unjoni skont l-Artikolu 207 tat-TFUE sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirtiraw minn dawk it-trattati bilaterali ta' investment jew jittirawhom, kif xieraq, u jadottaw attitudni komuni sabiex dan jinkiseb. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-Istati Membri, inkluż billi tippreżenta proposti leġiżlattivi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-appoġġ permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jkun konsistenti mal-appoġġ ipprovdut permezz tar-Regolament (UE) 2024/792⁸, ir-Regolament (UE) 2021/947⁹, ir-Regolament (KE) Nru 1257/96¹⁰, ir-Regolament (KE) Nru 2024/2773¹¹ u r-Regolament (UE) 2025/1106¹², u komplementari għalih, u huwa konformi mal-oġġettivi, mal-loġika ta' intervent u mar-regoli rispettivi ta' dawn l-istrumenti.

B'mod partikolari, is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet huwa supplimentari u komplementari għall-appoġġ ipprovdut mill-UE skont l-inizjattiva tas-Self ERA tal-G7 u l-Faċilità għall-Ukrajna. Tingħata attenzjoni speċifika għall-konsistenza u għat-tisħiħ reċiproku tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' difiża, ipprovduti skont ir-Regolament dwar l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) u r-Regolament propost dwar il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/2021-06-14>).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/1257/2019-07-26>).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprovdri assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L, 2024/2773, 28.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2773/oj>).

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

- **Konsistenza ma' Politiki oħra tal-Unjoni**

L-appoġġ taħt l-inizjattiva ta' Self Marbut mar-Reparazzjonijiet huwa konsistenti mal-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) kontra r-Russja u komplementari għall-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Barra minn hekk, l-istatus ta' kandidat mogħti mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022 u d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-14-15 ta' Diċembru 2023 li jiftaħ in-negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna jankraw lill-Ukrajna bis-sħiħ fil-perkors Ewropew tagħha. Għal din ir-raġuni, ir-rispons kollu tal-UE b'appoġġ għar-reżiljenza u għall-irkupru tal-Ukrajna – inkluż permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, li min-naħa tiegħu se jkun konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Ukrajna u se jappoġġaha – se jikkontribwixxi wkoll għall-fażi bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni tal-Ukrajna.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

L-Artikolu 212 tat-TFUE huwa bażi legali xierqa għall-programmi ta' assistenza finanzjarja mogħtija mill-Unjoni għal pajjiżi terzi, li ma humiex pajjiżi li qed jiżviluppaw.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rrispettat peress li l-ħtieġa għal rispons komuni fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fuq skala adegwata ma tistax tiġi ssodisfata b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u, minħabba l-iskala u l-effett tagħha, tista' tiġi ssodisfata aħjar mill-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-kapaċità fiskali u r-restrizzjonijiet baġitarji affaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni qawwija tad-donaturi sabiex jiġu mmassimizzati l-iskala u l-effettività tal-appoġġ, filwaqt li jiġi limitat il-piż fuq il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet Ukreni, li fiċ-ċirkostanzi kurrenti hija limitata ħafna. L-UE tinsab f'pożizzjoni unika sabiex tippovdi assistenza esterna lill-Ukrajna bl-għan li tippovdi appoġġ sabiex tkopri l-ħtiġijiet baġitarji urġenti b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u tempestiv, inklużi dawk marbuta ma' appoġġ għall-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

- **Proporzjonalità**

L-aggressjoni militari kontinwa mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja teħtieġ l-għoti ta' assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Ukrajna f'konformità mal-oġġettivi u mal-modalitajiet deskritti f'din il-proposta.

L-appoġġ finanzjarju propost lill-Ukrajna huwa meqjus adegwat fid-daqs, abbażi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għoljin u tal-aħjar stimi tal-ħtiġijiet tad-difiża tal-Ukrajna ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li titqies l-inċertezza kbira taċ-ċirkostanzi tal-gwerra. Appoġġ bħal dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-għan imfittex li jiġi pprovdut appoġġ strutturat lill-Ukrajna u l-finanzjament relatat tat-tali appoġġ.

Il-proposta hija proporzjonata għall-iskala u għall-gravità tan-nuqqasijiet li ġew identifikati, inkluża l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ baġitarju lill-Ukrajna, u l-ħtieġa li jitwettqu investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena u għall-integrazzjoni tagħha fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea. Il-proposta tirrispetta l-limiti ta' intervent possibbli tal-Unjoni skont it-Trattati.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-istrument xieraq peress li jipprovdi regoli applikabbli direttament għall-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-proposta ssegwi serje ta' operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja pprovduti lill-Ukrajna mill-2015 'l hawn. Evalwazzjonijiet *ex post* tal-passat ta' operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja preċedenti lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali dawn kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġettivi, tal-pakkett finanzjarju u tal-kundizzjonijiet ta' politika taqħhom. B'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja rriżultaw kruċjali sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-problemi taqħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin sabiex tistabbilizza l-ekonomija u ssaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna taqħha. Dawn ippermettew iffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, u aġixxew bħala katalizzatur għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u għall-fiduċja tal-investituri. Il-kundizzjonalità marbuta mal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja nstabet li kienet komplementari mal-programmi relatati tal-FMI. Ħolqot effett ta' tisħiħ politiku li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukreni madwar riformi essenzjali, speċjalment f'oqsma ta' politika strutturali li huma anqas koperti minn programmi ta' donaturi internazzjonali oħrajn.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ssegwi d-dikjarazzjoni tas-26 Stat Membru fit-23 ta' Ottubru 2025 fejn il-Kummissjoni ġiet mistiedna tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, għażliet għal appoġġ finanzjarju bbażati fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u stiednet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill imexxu l-ħidma 'l quddiem. Fit-tnejn ta' din il-proposta, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' donaturi bilaterali (inklużi l-Istati Membri u l-membri tal-G7) u multilaterali oħrajn. Il-Kummissjoni hija wkoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Ukreni.

Minħabba l-urġenza tat-tnejn ta' il-proposta għal adozzjoni tempestiva mill-koleġislaturi u l-iżgurar tal-istatus operazzjonali taqħha sal-bidu tal-2026, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati. Dan l-approċċ għandu l-għan li jindirizza d-domandi emerġenti u dejjem akbar relatati mad-difiża u mal-baġit li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Dawn il-ħtiġijiet jinkludu sforzi relatati mal-irkupru u mar-rikostruzzjoni. L-Unjoni Ewropea se tiżgura komunikazzjoni u viżibbiltà adegwati rigward l-oġettivi u l-azzjonijiet implimentati taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, kemm fl-Ukrajna, madwar l-Unjoni, kif ukoll internazzjonalment.

- **Ġbir u użu tal-ġharfien espert**

Il-proposta tibni fuq għexieren ta' snin esperjenza twila bl-assistenza makrofinanzjarja kif ukoll fuq l-esperjenza bl-appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni bbażat din il-proposta fuq analiżi bir-reqqa, filwaqt li bniet ukoll fuq l-inputs mingħand istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mingħand istituzzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn, tal-ħtiġijiet tad-difiża u tas-sitwazzjoni makrofinanzjarja usa' tal-Ukrajna. Dan jinkludi diskussjonijiet fuq bażi regolari tal-aħħar projezzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fi ħdan fora internazzjonali, bħall-G7 u l-FMI, kif ukoll kuntatt dirett kontinwu mal-awtoritajiet Ukreni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, li hija mfassla sabiex tipprovdi assistenza urġenti lil pajjiż li għaddej minn gwerra, ma setgħet titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-

valutazzjoni *ex ante* tal-ħtiġijiet proposti li jiġu koperti mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, *inter alia*, tibbaża fuq data reċenti mill-FMI u mill-awtoritajiet Ukreni. L-appoġġ permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jibni fuq it-tagħlimiet meħuda u fuq il-kisbiet ta' inizjattivi ta' appoġġ riċenti, bħall-inizjattiva tas-Self ERA tal-G7.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mal-idoneità u mas-simplifikazzjoni regolatorji.

- **Drittijiet fundamentali**

Prekundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet hija li l-Ukrajna tkompli ssostni u tirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi u l-istituzzjonijiet tagħha, inkluża sistema parlamentari multipartitika, u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Il-ħarsien u r-rispett tal-istat tad-dritt għandhom jinkludu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-impenn ta' riforma u r-rieda politika mill-awtoritajiet Ukreni huma sinjal pożittiv, b'mod partikolari kif muri mill-Kunsill Ewropew li ta status ta' kandidat lill-Ukrajna f'Ġunju 2022 u mid-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2023 li jiftaħ negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna, bit-tlestija b'suċċess imġedda tal-kondizzjonalità tal-politika strutturali marbuta mal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja riċenti lill-Ukrajna u mal-implimentazzjoni ssoktata tal-Pjan għall-Ukrajna. Fl-14 ta' Mejju 2025, l-Ukrajna adottat pjanijiet direzzjonali dwar (fost l-oħrajn) l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi. Il-laqgħat bilaterali ta' skrinjar tlestew f'Settembru 2025. Mill-bidu tal-aggressjoni Russa, l-awtoritajiet Ukreni wrew grad impressjonanti ta' reżiljenza u baqgħu impenjati li jsegwu dawn ir-riformi b'mod trasparenti u li jaħdmu lejn l-istandards tal-UE u f'konformità mal-perkors tal-pajjiż lejn l-integrazzjoni fl-UE.

Fid-dawl ta' dan, fil-preżent, il-prekundizzjoni għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet titqies li hija ssodisfata. Fl-istess ħin, l-aderenza kontinwa ma' din il-prekundizzjoni se tiġi żgurata ulterjorment minn kundizzjonijiet speċifiċi relatati mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' Strateġiji futuri tal-Ukrajna għall-Finanzjament u qabel l-iżborżi. Prekundizzjoni simili għall-appoġġ hija applikabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta hija kompatibbli mal-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u mal-limiti massimi tad-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji.

Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna se jieħu l-forma ta' self b'rikors limitat lill-Ukrajna sa EUR 210 biljun li għandu jitħallas lura permezz tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja. Is-self se jkun sostnut minn sistema ta' garanziji mill-Istati Membri jew minn garanzija pprovduta permezz tal-qafas finanzjarju pluriennali sabiex jiġi żgurat li l-obbligazzjoni kontinġenti għall-Unjoni li tirriżulta mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet tkun kompatibbli mar-restrizzjonijiet baġitarji tal-Unjoni.

Sabiex l-approċċ iservi l-iskop maħsub, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba lill-Unjoni, f'konformità mas-sehem relattiv rispettiv tagħhom fl-Introjtu Nazzjonali Gross totali tal-Unjoni. Pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet billi jipprovdu garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba li jmorru lil hinn mill-garanziji pprovduti mill-Istati Membri. Inkella, il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet billi

jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tal-kambju relatata ma' kwalunkwe konverżjoni tal-bilanċi tal-flus meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji.

Minbarra l-ġhoti ta' garanziji tal-Istati Membri, fil-qafas tinbena salvagwardja sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema permezz ta' mekkaniżmu ta' likwidità dedikat, disponibbli għall-ħlas lura tal-obbligu ta' dejn tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

Il-garanziji pprovduti lill-Unjoni mill-Istati Membri ma għandhomx ikunu jistgħu jibqgħu jintalbu ladarba jkunu daħlu fis-seħħ u saru applikabbli deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni skont l-Artikolu 311(2) tat-TFUE u qafas finanzjarju pluriennali skont l-Artikolu 312 tat-TFUE, li jipprevedu garanzija skont il-baġit tal-Unjoni.

Aktar dettalji dwar l-implikazzjonijiet baġitarji huma pprovduti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jagħmel l-appoġġ disponibbli progressivament wara d-dħul fis-seħħ ta' kull ftehim ta' garanzija u f'pagamenti parzjali li jistgħu jiġu żborżati f'segment wieħed jew aktar. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2030, bl-eċċezzjoni tal-assistenza indikata bħala disponibbli esklużivament biex tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA, li se tkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2055.

5. ELEMENTI OĦRA

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jkun għal ammont massimu ta' EUR 210 biljun, li għandu jsir disponibbli f'konformità mal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta.

Speċifikament, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, l-Ukrajna għandha tippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna li ttiprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna fil-prinċipju għat-12-il xahar li ġejjin. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna u, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva, tippreżenta proposta lill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-valutazzjoni tagħha permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni se tiddekrivi l-ammont ta' assistenza li għandha ssir disponibbli għall-Ukrajna biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inkluż l-ammont ta' dik l-assistenza aċċessibbli għal (i) assistenza makrofinanzjarja, (ii) assistenza permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna u (iii) assistenza biex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

Sabiex tirċievi assistenza finanzjarja u ekonomika taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, l-Ukrajna se tissottometti lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għal fondi, li tista' tiġi sottomessa mill-Ukrajna lill-Kummissjoni, fil-prinċipju, sitt darbiet fis-sena.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet fis-sena preċedenti, li se jinkludi evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet pprovdut skont ir-Regolament dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u sa liema punt ikkontribwixxa għall-għanijiet tal-assistenza.

Fl-aħħar nett, sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u akkontabilità akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jstieden lill-Kummissjoni sabiex jiddiskutu l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I tar-Regolament jikkonċerna d-dispożizzjonijiet ġenerali tiegħu.

L-Artikolu 1 jipprovdvi s-suġġett tar-Regolament, li huwa l-istabbiliment tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, li huma li tingħata assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna b'mod prevedibbli u kontinwu, permezz tal-appoġġ għall-istabbiltà makrofinanzjarja u għall-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

L-Artikolu 3 jipprovdvi d-definizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-assistenza disponibbli skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 5 jippreskrivi l-prekundizzjonijiet għall-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

Il-Kapitolu II tar-Regolament jikkonċerna l-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 6 jistipula li l-Ukrajna għandha tippreżenta lill-Kummissjoni l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, filwaqt li ttipprovdvi dettalji dwar il-kontenut tagħha, b'referenza speċifika għall-ħtiġijiet u għar-riżorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna għat-12-il xahar li ġejjin.

L-Artikolu 7 jipprevedi l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, li tiddefinixxi l-kriterji neċessarji li għandhom jiġu osservati.

L-Artikolu 8 jipprevedi deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħmel l-assistenza finanzjarja u ekonomika aċċessibbli.

L-Artikolu 9 jipprevedi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Ukrajna, l-Istati Membri, u l-korpi u d-donaturi internazzjonali rilevanti għall-Ukrajna sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti u konsistenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' assistenza finanzjarja u ekonomika tal-Ukrajna.

Il-Kapitolu III tar-Regolament jikkonċerna l-Assistenza Makrofinanzjarja.

L-Artikolu 10 jipprevedi l-iskop tal-assistenza makrofinanzjarja, b'mod partikolari sabiex tikkontribwixxi biex tkopri d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna kif identifikata fi Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ivvalutata b'mod pożittiv.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha taqbel mal-Ukrajna dwar il-kundizzjonijiet ta' politika li magħhom għandu jkun marbut l-appoġġ, li għandhom jiġu deskritti f'memorandum ta' qbil.

Il-Kapitolu IV tar-Regolament jikkonċerna l-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna.

L-Artikolu 12 jipprevedi l-iskop tal-assistenza sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, b'mod partikolari sabiex isiru investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u għall-integrazzjoni tagħha fl-industrija tad-difiża Ewropea.

L-Artikolu 13 jiddefinixxi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-attivitajiet, għan-nefġiet u għall-miżuri sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

L-Artikolu 14 jirrikjedi li l-Ukrajna tipproduċi skeda għal kull attività, nefqa jew miżura relatata ma' prodott tad-difiża jew ma' prodott ieħor għall-finijiet tad-difiża li għalihom ikollha l-ħsieb li titlob l-assistenza.

L-Artikolu 15 jippreskrivi l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna.

L-Artikolu 16 jipprevedi l-ftuħ ta' kont speċjali għall-iskop uniku tal-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja u ekonomika riċevuta mill-Ukrajna sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħha.

L-Artikolu 17 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-assistenza pprovduta sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

L-Artikolu 18 jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-modifika ta' ftehim jew ta' kuntratt qafas eżistenti għall-prodotti tad-difiża.

L-Artikolu 19 jippermetti lill-Istati Membri, għall-iskop uniku tar-Regolament, li jitolbu lil operatur ekonomiku fit-territorju tiegħu, sabiex jiprijoritizza ċerta ordni ta' prodotti tad-difiża.

Il-Kapitolu V tar-Regolament jikkonċerna l-finanzjament u l-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 20 jistipula li t-termini finanzjarji dettaljati tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u jistabbilixxi ċerti rekwiżiti obbligatorji.

L-Artikolu 21 jistabbilixxi li sabiex l-Ukrajna tirċievi assistenza finanzjarja u ekonomika, hija għandha tissottometti lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-fondi.

L-Artikolu 22 jippreskrivi r-rekwiżiti fuq il-Kummissjoni għat-teħid ta' deċiżjoni għar-rilaxx ta' pagament parzjali taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 23 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiegħu b'self il-bilanċi tal-flus neċessarji, f'isem l-Unjoni, sabiex tiffinanzja s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 24 jistabbilixxi metodi għall-kondiviżjoni ġusta u għas-solidarjetà rigward is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 25 jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu billi jipprovdu garanziji sal-ammont totali tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

L-Artikolu 26 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' garanzija li għandu jiġi ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipprovdu garanzija kif definita fl-Artikolu 25.

L-Artikolu 27 jippermetti lill-pajjiżi terzi jipprovdu garanziji jew jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tal-kambju.

L-Artikolu 28 jistabbilixxi r-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva.

Il-Kapitolu VI jikkonċerna d-dispożizzjonijiet finali.

L-Artikolu 29 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati, soġġetta għal kundizzjonijiet.

L-Artikolu 30 jirregola l-governanza permezz tal-proċeduri ta' kumitat.

L-Artikolu 31 jipprevedi djalogu dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, li jipprevedi t-titjib tal-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

L-Artikolu 32 jippreskrivi l-provvista ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-Artikolu 33 jirregola d-dħul fis-seħħ.

2025/3502 (COD)

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna, u l-forzi armati tar-Russja bdew aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Din il-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja hija ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, tas-sovranità u tal-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll ksur tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza stabbilita fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), li hija regola perentorja tad-dritt internazzjonali, u tal-prinċipji l-oħrajn tal-Karta tan-NU.
- (2) Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ mingħajr preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali, finanzjarja u tad-difiża tal-Ukrajna. Dak l-appoġġ jikkombina l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni, inklużi l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali u l-appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, kompletament jew parzjalment garantiti mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri.
- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ u r-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament

¹³ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/313/oj>).

¹⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1201/oj>).

¹⁵ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li

Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ kollettivament għamli disponibbli EUR 25,2 biljun f'assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna matul l-2022 u l-2023. Dan l-appoġġ kien jikkostitwixxi fattur ewlieni ta' kontribuzzjoni għar-reżiljenza makroekonomika u finanzjarja tal-Ukrajna fi żmien kritiku.

- (4) Fid-29 ta' Frar 2024, ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ stabbilixxa l-Faċilità għall-Ukrajna bħala strument eċċezzjonali għat-terminu medju li jgħaqqad flimkien l-appoġġ bilaterali pprovdut mill-Unjoni lill-Ukrajna, filwaqt li jiżgura l-koordinazzjoni u l-effiċjenza (il-“Faċilità għall-Ukrajna”). Matul il-perjodu mill-2024 sal-2027, il-Faċilità għall-Ukrajna tgħin sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tagħha ta' rkupru, ta' rikostruzzjoni u ta' modernizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tappoġġa l-isforz tar-riformi tal-Ukrajna bħala parti mill-perkors tagħha lejn l-adeżjoni mal-Unjoni.
- (5) Fl-24 ta' Ottubru 2024, ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ stabbilixxa l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u pprova assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna. Dik l-assistenza kienet il-kontribuzzjoni tal-Unjoni bħala parti mill-inizjattiva tal-G7 “Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju Favur l-Ukrajna”, li kollettivament għenet fl-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna għall-2025.
- (6) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat dannu tremend fl-Ukrajna, u fil-31 ta' Diċembru 2024 il-kostijiet għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni ġew stmati li jlaħħqu mal-EUR 506 biljun. Barra minn hekk, l-Ukrajna tilfet aċċess għas-swieq finanzjarji internazzjonali u esperjenzat tnaqqis sinifikanti fid-dħul pubbliku, filwaqt li n-nefqa pubblika żdiedet sostanzjalment. F'dak l-isfond, jistgħu jiġu previsti ħtiġijiet sostantivi ta' finanzjament għas-snin li ġejjin.
- (7) Fid-9 ta' Settembru 2025, l-Ukrajna ppreżentat talba uffiċjali lill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) għal programm ġdid sabiex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali mill-2026 sal-2029. Dak il-programm jiġi wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programm eżistenti tal-FMI, fejn l-Ukrajna lestiet tmien rieżamijiet, iżda jqis li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kompliet. Il-kapaċità tal-FMI li jipproċedi b'dan il-programm hija kontinġenti fuq ir-riċevuta ta' aċċertamenti ta' finanzjament suffiċjenti minn sħab oħrajn, inkluża l-Unjoni Ewropea.
- (8) Fit-23 ta' Ottubru 2025, 26 Stat Membru ħadu impenn li jindirizzaw il-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-2026-2027, inkluż għall-isforzi militari u tad-difiża tagħha. Dawk l-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa kritika li jiżguraw li l-Ukrajna tibqa' reżiljenti u għandha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled l-aggressjoni tar-Russja, u tennew li l-

temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1628/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2463/oj>).

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprova assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L, 2024/2773, 28.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2773/oj>).

Unjoni Ewropea se tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u ma' alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Dawk l-Istati Membri kkonkludew ukoll li l-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna se jiġu pprovduti b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha. Fl-istess data, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u globali f'ambjent li l-ħin kollu jinbidel jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea.

- (9) Minkejja l-isforzi internazzjonali kontinwi sabiex tiġi nneozjata riżoluzzjoni paċifika għall-kunflitt, l-estensjoni tal-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja rriżultat fi ħsara sinifikanti għall-infrastruttura tad-difiża, ċivili u tal-enerġija kritika tal-Ukrajna, li teħtieġ il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali sostanzjali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjati tal-pajjiż.
- (10) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tirrappreżenta theddida ġeopolitika strateġika għall-Unjoni kollha kemm hi u tirrikjedi li l-Istati Membri jibqgħu b'saħħithom u magħqudin. Għalhekk, huwa essenzjali li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi varat malajr u jkun jista' jadatta b'mod flessibbli għal għajnuna immedjata u għal riabilitazzjoni fuq terminu qasir fil-perkors lejn rikostruzzjoni futura.
- (11) F'konformità mal-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonalment Illeċiti u mad-dritt internazzjonali konswetudinarju, ir-Russja – bħala l-istat responsabbli – għandha l-obbligu tagħmel reparazzjoni sħiħa għad-dannu kkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tagħha.
- (12) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2024, tas-17 ta' Ottubru 2024 u tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li, soġġett għad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-assi tar-Russja jibqgħu immobilizzati sa ma r-Russja twaqqaf il-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u tikkompensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra.
- (13) Minħabba l-pożizzjoni ta' finanzjament tal-Ukrajna, il-kritikalità li l-Ukrajna jkollha r-riżorsi sabiex tiġġieled l-aggressjoni tar-Russja u, fejn possibbli, tibni mill-ġdid, huwa xieraq li l-Unjoni tipprovdi appoġġ addizzjonali sabiex tindirizza r-rekwiżiti ta' finanzjament urġenti tal-Ukrajna u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm tal-FMI.
- (14) Il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-Ukrajna bħalissa hija limitata u ma tikkorrispondix għall-kobor tal-ħtiġijiet. Il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi sinifikanti addizzjonali mill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw lill-Ukrajna tikkostitwixxi sfida ekonomika importanti. Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kollha sabiex jagħmlu użu mill-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali b'mod koordinat bl-għan li jiġi mmassimizzat l-impatt fuq il-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE. S'issa, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, u l-Finlandja ddeċidew li jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola. Filwaqt li tali attivazzjoni tikkostitwixxi mezz xieraq għall-Istati Membri sabiex iżidu n-nefquet tagħhom fuq id-difiża mingħajr ma jiksru l-impjenji skont ir-regoli fiskali tal-UE, l-effetti tagħha huma limitati wkoll mir-restrizzjonijiet fiskali tal-Istati Membri li ntlaw serjament minn kriżi wara kriżi matul id-deċennju.

- (15) F'dan l-isfond, minkejja r-restrizzjonijiet fuq l-Unjoni u fuq l-Istati Membri, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-Ukrajna tiġi pprovduta b'appoġġ finanzjarju suffiċjenti u kontinwu b'reazzjoni u b'segwitu għas-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti. Għal dak l-għan, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument għall-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' self li għandu jitħallas lura permezz tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja (is-“Self Marbut mar-Reparazzjonijiet”).
- (16) Jenħtieġ li s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Ukrajna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat, flessibbli u tempestiv bl-għan li jappoġġa lill-Ukrajna fil-kopertura tal-ħtiġijiet tagħha ta' finanzjament u ta' difiża, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. B'mod speċifiku, jenħtieġ li s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna u jiffaċilita l-finanzjament estern tagħha u jappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika, u b'hekk jikkontribwixxi sabiex l-Ukrajna tiġi pprovduta b'Vantaġġ Militari Kwalitattiv.
- (17) Jenħtieġ li, soġġett għal kundizzjonijiet, is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna fil-forma ta' self sa EUR 210 000 000 000. Fid-dawl tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali, li jistgħu jiġu żborżati f'segment wieħed jew aktar.
- (18) Jenħtieġ li l-appoġġ lill-Ukrajna skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet isir disponibbli bil-prekundizzjoni li l-Ukrajna tkompli tħaddan u tirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari multipartitika u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Jenħtieġ li l-ħarsien u r-rispett tal-istat tad-dritt jinkludu l-għlieda kontra l-korruzzjoni.
- (19) Jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja u ekonomika disponibbli permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet issir aċċessibbli għall-Ukrajna f'konformità mal-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Ukrajna tippreżenta Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna dwar il-ħtiġijiet u s-sorsi ta' finanzjament tagħha. Jenħtieġ li dik l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tinkludi l-informazzjoni ewlenija dwar is-sitwazzjoni baġitarja, finanzjarja u ekonomika tal-Ukrajna, kif ukoll l-appoġġ li l-Ukrajna qed tirċievi mingħand il-komunità internazzjonali.
- (20) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mingħajr dewmien żejjed u jenħtieġ li taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna. Minħabba l-iskala sinifikanti tal-ħtiġijiet tal-Ukrajna kemm għall-assistenza baġitarja kif ukoll għall-assistenza għall-kapaċitajiet industrijali tad-difiża, kif ukoll minħabba r-restrizzjonijiet li xi sħab esterni għandhom fuq il-forniment tal-appoġġ tagħhom, huwa xieraq li tiġi stabbilita distribuzzjoni indikattiva tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet bejn dawk iż-żewġ ħtiġijiet ta' finanzjament. Jenħtieġ li dik id-distribuzzjoni tkun indikattiva sabiex tirrifletti ċirkostanzi li qed jinbidlu li jista' jkollhom impatt fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u sabiex tiżgura li dawk il-ħtiġijiet ikomplu jiġu indirizzati b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat, flessibbli u tempestiv. Fil-valutazzjoni tagħha tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-konsistenza tad-diskrepanza mistennija fil-finanzjament estern ma' dik id-distribuzzjoni indikattiva.
- (21) Fid-dawl tal-importanza tal-effetti finanzjarji tal-miżuri imposti, jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni, u jenħtieġ li huwa jaġixxi fuq il-bażi ta'

proposta tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kunsill japprova l-valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, li jenħtieġ li huwa jagħmel ħiltu li jadotta mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni tal-proposta. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiddetermina l-ammont ta' assistenza li għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna sabiex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inklużi l-ammont għall-assistenza baġitarja u l-ammont għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tistabbilixxi wkoll in-numru massimu u l-valur indikattiv tal-pagamenti parzjali għall-assistenza baġitarja. Fid-dawl tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-likwidità tal-awtoritajiet Ukreni u tiġi żgurata l-prevedibbiltà, fil-prinċipju jenħtieġ li jkun hemm massimu ta' erba' pagamenti parzjali ta' dik l-assistenza baġitarja. B'mod eċċezzjonali, fir-rigward tal-appoġġ disponibbli esklużivament sabiex tinżamm l-inizjattiva ta' Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration), fejn l-appoġġ kollu mhux deżinjat skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jitqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel disponibbli l-assistenza baġitarja deżinjata li jifdal f'konformità mal-modalitajiet miftiehma f'memorandum ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna (il-"MtQ").

- (22) Jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja u ekonomika fil-forma ta' assistenza baġitarja titqiegħed għad-dispożizzjoni bil-ħsieb li tappoġġa lill-Ukrajna sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà fl-indirizzar ta' dawk il-ħtiġijiet, huwa xieraq li jintużaw mezzi multipli ta' konsenja, fejn jenħtieġ li l-appoġġ ikun jista' jiġi pprovdut permezz ta' assistenza makrofinanzjarja u permezz ta' self li għandu jiġi implimentat skont il-Kapitolu III tal-Faċilità għall-Ukrajna.
- (23) Il-Kapitolu III tal-Faċilità għall-Ukrajna jipprevedi l-finanzjament lill-Ukrajna malli jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna, li jistabbilixxi l-aġenda ta' riforma u ta' investiment tal-Ukrajna. Bħala strument ta' terminu medju li għandu l-oġettiv li jappoġġa l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, l-integrazzjoni gradwali fis-suq intern, kif ukoll, *inter alia*, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa għall-allinjament mal-valuri tal-Unjoni u għall-allinjament progressiv mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki ("l-*acquis*") tal-Unjoni, fid-dawl ta' sħubija mal-Unjoni fil-ġejjieni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, għas-sigurtà, għall-paċi, għall-prosperità u għas-sostenibbiltà reċiproċi, huwa xieraq li jiġu previsti ammonti li jirriżultaw mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li għandu jintuża permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Pjan għall-Ukrajna jiġi aġġornat sabiex jirrifletti dawn l-ammonti addizzjonali, inklużi miżuri sabiex jissaħħu l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jenħtieġ li jsiru emendi għall-Faċilità għall-Ukrajna li jippermettu li dawn l-ammonti addizzjonali jiġu implimentati permezz ta' dak l-istrument.
- (24) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tkun marbuta mal-kundizzjonijiet ta' politika li għandhom jiġu stabbiliti fil-MtQ. Jenħtieġ li l-MtQ jinkludi impenji mill-Ukrajna kif xieraq, inklużi dawk sabiex tissaħħaħ il-mobilizzazzjoni tad-dħul, jittejbu s-sostenibbiltà u l-kwalità tan-nefqa pubblika u jittejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Tali assistenza makrofinanzjarja tista' tintuża mill-Ukrajna sabiex tgħin fil-finanzjament ta' kumpens, bħala forma ta' reparazzjonijiet, lil dawk l-individwi li ġarrbu dannu mill-azzjonijiet

illegali tar-Russja, inkluż permezz tal-Kummissjoni għat-Talbiet għall-Ukrajna stabbilita taħt l-awspiċċi tal-Kunsill tal-Ewropa.

- (25) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinneogzja tali kundizzjonijiet għall-assistenza makrofinanzjarja mal-awtoritajiet Ukreni taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. Meta jitqies l-impatt potenzjalment sinifikanti tal-assistenza, huwa xieraq li tintuża l-proċedura ta' eżami kif speċifikata fir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta jitqies l-ammont tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tapplika għall-adozzjoni tal-MtQ, u għal kwalunkwe tnaqqis jew kanċellazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.
- (26) Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jipprovdi assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna bħala pajjiż li għaddej minn gwerra, li l-istabbiltà finanzjarja tiegħu hija intrinsikament marbuta mal-abilità tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu kontra l-aggressjoni, u tiddependi fuq it-tali abilità. Dan jiġġustifika li ammont speċifiku tal-assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna jintuża sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Ukrajna li tlaħħaq mal-ħtiġijiet baġitarji fir-rigward tal-kapaċità tal-pajjiż li jsaħhaq il-kapaċitajiet ta' difiża u militari tiegħu, u b'hekk jikkontribwixxi sabiex jipprovdi Vantaġġ Militari Kwalitattiv lill-Ukrajna. Jenħtieġ li din l-assistenza finanzjarja u ekonomika tippermetti lill-Ukrajna twettaq investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u tal-integrazzjoni tagħha fl-industrija tad-difiża Ewropea bħala rispons għas-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti u fil-fażi ta' wara din. Jenħtieġ li din l-assistenza tikkontribwixxi, b'mod partikolari, għar-rikostruzzjoni, għall-irkupru u għall-modernizzazzjoni tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena, bil-ħsieb li tiżdied il-prontezza industrijali fil-qasam tad-difiża tagħha, filwaqt li titqies l-integrazzjoni gradwali futura tagħha fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea u permezz ta' appoġġ għad-disponibbiltà tempestiva ta' prodotti tad-difiża u ta' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża, permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna.
- (27) Jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja u ekonomika sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għal attivitajiet, għal nefqiet u għal miżuri relatati ma' prodotti tad-difiża jew ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża li jissodisfaw ċerti kriterji ta' eliġibbiltà. Sabiex tissaħhaq b'mod urġenti l-bażi industrijali tad-difiża tal-Ukrajna b'mod effiċjenti u awtonomu, jenħtieġ li daww il-kriterji ta' eliġibbiltà jiġu strutturati b'mod li jidderieġi l-attivitajiet, in-nefqiet u l-miżuri biex jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna lejn ir-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena, filwaqt li titqies l-integrazzjoni gradwali futura tagħha fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea. F'dak il-kuntest, meta jiġi eżaminat jekk il-manifatturi humiex ikkontrollati minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-kontroll jinftiehem bħala l-abilità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali, direttament jew indirettament, permezz ta' entità legali intermedja waħda jew aktar.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (28) Sabiex l-Ukrajna tkun tista' tuża l-assistenza finanzjarja u ekonomika bil-mod li jkun l-aktar adattat għaċ-ċirkostanzi, huwa xieraq li tkun tista' tuża l-fondi sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna b'metodi ta' implimentazzjoni differenti li jirriflettu d-diversità tal-ħtiġijiet. B'mod partikolari, huwa xieraq li l-fondi jintużaw biex jappoġġaw attivitajiet, nefqiet u miżuri f'pajjiżi jew f'kooperazzjoni ma' pajjiżi li qegħdin jappoġġaw b'mod attiv lill-Ukrajna u lill-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena. Il-fondi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna skont ir-Regolament (UE) [*ir-Regolament EDIP*], il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna stabbilit mill-Faċilità għall-Ukrajna għal oġġetti b'użu doppju jew programmi oħrajn tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fondi jippermettu lill-Ukrajna tinvolvi ruħha f'intervent massiv fid-domanda ta' prodotti tad-difiża sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa sabiex jiġu inċentivati investimenti kbar fl-irrankar tal-kapaċità tal-produzzjoni u fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Ukrajna titħalla tuża l-fondi sabiex tniedi akkwisti kbar ta' prodotti tad-difiża magħmula mill-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena u mill-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea permezz ta' akkwisti skont l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106²⁰ jew, soġġetta għal validazzjonijiet, skont modalitajiet oħrajn.
- (29) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament flimkien mal-Istrument SAFE, huwa xieraq li jiġu applikati rekwiżiti ta' eliġibbiltà simili. Filwaqt li jitqies il-fatt li l-Ukrajna hija pajjiż li għaddej minn gwerra li l-kapaċità tiegħu li jiddefendi t-territorju tiegħu tista' tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' prodott partikolari f'temp ta' żmien qasir ħafna, jenħtieġ li l-Ukrajna titħalla takkwista prodotti li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà meta jkun hemm ħtieġa urġenti għal prodott u meta ma jkun disponibbli l-ebda prodott alternattiv permezz tal-akkwist. Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ tikkonċerna, fost affarijiet oħra, l-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv xieraq, li huwa prerekwiżit għall-ħolqien ta' suq Ewropew tat-tagħmir tad-difiża, dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-Istati Membri u l-obbligi li jirriżultaw mit-TFUE. Madankollu, dan il-qafas ma huwiex adattat sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet urġenti u enormi ta' pajjiżi fil-fruntieri tal-Unjoni li għaddej minn gwerra. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jkun xieraq li ftehim qafas eżistenti jinfetaħ għall-awtoritajiet kontraenti tal-Ukrajna anke jekk ma kinux oriġinarjament parti għalih u jekk dik il-possibbiltà ma kinitx ġiet prevista fil-ftehim qafas oriġinali.
- (30) L-arkitettura ġenerali tal-assistenza finanzjarja u ekonomika tiddependi fuq il-kontribut minn partijiet differenti sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-issodisfar tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha. B'riżultat ta' dan, huwa xieraq li l-assistenza finanzjarja u ekonomika sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna tippermetti lill-Ukrajna tikkooopera ma' pajjiżi terzi li qed jappoġġaw ukoll il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna. B'mod speċifiku, jenħtieġ li jkun

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

²¹ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj>).

possibbli għall-Ukrajna li tuża l-assistenza sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħha sabiex tikkoopera ma' pajjiżi bħal dawn li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, dment li tali pajjiżi jipprovdu appoġġ addizzjonali mdaqas lill-Ukrajna li jista' jintuża għal nefqa li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-appoġġ għall-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna u li tali nefqa tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni kemm mill-industrija Ewropea kif ukoll mill-Ukrajna. Taħt l-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Ukrajna tieħu passi xierqa sabiex tiżgura li l-fondi ma jintużawx f'pajjiżi li ma humiex qed jappoġġaw lill-Ukrajna, li għaldaqstant ma jkunux jikkontribwixxu għall-għan tal-assistenza.

- (31) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt internazzjonali applikabbli li jipprojbixxi l-użu, l-iżvilupp jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti u teknoloġiji tad-difiża.
- (32) L-implimentazzjoni tal-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²². Ir-rekwiżiti dettaljati f'dan ir-rigward jistgħu jiddaħħlu f'arranġament li għandu jiġi ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna. Barra minn hekk, għall-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja u ekonomika riċevuta sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Ukrajna tiftaħ kont uniku li permezz tiegħu tiġi ġestita l-assistenza, fejn il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' timmonitorja dak il-kont.
- (33) Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-assistenza bl-għan li jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna. Jenħtieġ li dak il-Grupp ta' Esperti jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.
- (34) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, b'mod partikolari inkluż it-twassil tal-prodotti. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti diversi arranġamenti ta' monitoraġġ sabiex jirriflettu l-metodi differenti ta' implimentazzjoni.
- (35) Id-Direttiva 2009/81/KE tikkonċerna, fost affarijiet oħra, l-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv xieraq dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-Istati Membri u l-obbligi li jirriżultaw mit-TFUE. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, dik id-Direttiva 2009/81/KE tipprevedi, b'mod partikolari, l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, b'mod partikolari billi tipprovi dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli f'każijiet ta' urġenza li jirriżultaw minn kriżi, bħat-tqassir tal-perjodi għar-riċevuta ta' offerti u l-possibbiltà li tintuża l-proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt. Madankollu, f'ċerti każijiet ta' urġenza, dawk ir-regoli jistgħu ma jkunux biżżejjed, speċjalment meta l-urġenza li tirriżulta mill-kriżi tkun tista' tiġi indirizzata biss billi l-Ukrajna u tal-anqas Stat Membru wieħed jwettqu akkwist komuni. F'dawk il-każijiet, spiss l-unika soluzzjoni li tiżgura l-interessi ta' garanzija

²² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

ta' dawk il-pajjiżi tkun li jifih ftehim jew kuntratt qafas eżistenti ta' Stat Membru għall-awtoritajiet kontraenti tal-Ukrajna li oriġinarjament ma kinitx parti għalih, anki jekk dik il-possibbiltà ma kinitx prevista fil-ftehim jew fil-kuntratt qafas oriġinali. Peress li dawk il-possibbiltajiet ma humiex previsti fid-Direttiva 2009/81/KE fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dan tal-aħħar jipprevedi l-possibbiltà li jikkomplementa jew jidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva fis-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti li tirriżulta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, dment li jinkiseb il-qbil tal-impriża li tkun ikkonkludiet il-ftehim qafas. Fir-rigward ta' kwantitajiet addizzjonali għall-Ukrajna, jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti Ukreni jgawdu l-istess kundizzjonijiet bħall-awtorità kontraenti oriġinali li tkun ikkonkludiet il-ftehim qafas oriġinali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' trasparenza xierqa sabiex jiġi żgurat li jiġu informati l-partijiet potenzjalment interessati kollha.

- (36) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 jipprevedi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri, filwaqt li jippermettilhom iwettqu investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija Ewropea tad-difiża b'rispons għas-sitwazzjoni ta' kriżi li tirriżulta mid-deterjorament serju fil-kuntest tas-sigurtà tal-Unjoni. B'dak l-istrument, l-Unjoni bdiet tappoġġa lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jagħmlu ordnijiet malajr, u b'hekk is-settur industrijali tad-difiża jiġi iċċentivat sabiex jinvesti, fuq terminu qasir ħafna, fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni sabiex ikun jista' jaqdi l-ħtiġijiet tal-Istati Membri sal-2030. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jappoġġa t-tqegħid ta' ordnijiet Ukreni mal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea sabiex jappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea u l-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena. Tali domanda eċċezzjonalment għolja għal firxa wiesgħa ta' prodotti tad-difiża ġġib magħha riskju imminenti ta' impatt negattiv serju fuq il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Sabiex jiġi indirizzat dan ir-riskju u fid-dawl tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-Ukrajna, il-miżuri ta' prijoritizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni li għandhom l-għan li jiżguraw id-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża kkonċernati jistgħu jirriżultaw indispensabbli sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-prodotti tad-difiża u tal-ktajjen tal-provvista tiegħu. Jenħtieġ li, fuq talba ta' Stat Membru, f'dan ir-rigward il-Kummissjoni tkun tista' tuża talbiet klassifikati bħala prijorità għall-iffaċilitar tal-provvista ta' prodotti tad-difiża sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (37) Jenħtieġ li t-talbiet klassifikati bħala prijorità jikkonsistu f'talbiet mill-Kummissjoni, fuq inizzjattiva ta' Stat Membru, lill-operaturi ekonomiċi rilevanti stabbiliti fl-Unjoni sabiex jaċċettaw jew jipprijoritizzaw ordnijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet. Sabiex jintużaw biss meta jkunu neċessarji u proporzjonati għall-fini li jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista tad-difiża jkunu jistgħu joperaw b'mod normali, jenħtieġ li dawk it-talbiet klassifikati bħala prijorità jkollhom l-għan li jappoġġaw lill-Ukrajna li tiffaċċja diffikultajiet serji jew fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista ta' prodotti tad-difiża. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw li jkunu soġġetti għal talba klassifikata bħala prijorità. Jenħtieġ li talba klassifikata bħala prijorità tittieħed fuq il-bażi ta' data oġġettiva, fattwali, li tista' titkejjel u sostanzjata. Jenħtieġ li tqis l-interessi leġittimi tal-impriżi u l-kost u l-isforz meħtieġa għal kwalunkwe bidla fis-sekwenza tal-produzzjoni. Meta jiġi aċċettat, jenħtieġ li l-obbligu li titwettag it-talba klassifikata bħala prijorità jieħu preċedenza fuq l-obbligi ta' prestazzjoni skont id-dritt privat jew pubbliku. Fid-dawl tal-importanza li tiġi żgurata l-provvista ta' prodotti tad-difiża, li huma indispensabbli għall-funzjonament korrett tas-suq intern u tal-ktajjen tal-provvista tiegħu, jenħtieġ li l-konformità mal-obbligu li tiġi eżegwita talba klassifikata bħala prijorità ma tinvolvi

obbligazzjoni għal partijiet terzi għad-danni li jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe ksur tal-obbligi kuntrattwali rregolati bid-dritt ta' Stat Membru, sa fejn il-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien neċessarju għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni mandata. Meta l-operatur ekonomiku jkun aċċetta b'mod espliċitu talba klassifikata bħala prijorità u l-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni wara tali aċċettazzjoni, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha ta' dak l-att ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' konformità mill-operatur ekonomiku mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni jirriżulta f'telf tal-benefiċċju ta' rinunzja tar-responsabbiltà kuntrattwali. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun intenzjonat jew attribwibbli għal negliġenza gravi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' timponi multa fuq l-operatur ekonomiku, soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalità.

- (38) Minħabba li jenħtieġ li ammonti speċifiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-assistenza baġitarja u għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, jenħtieġ li fl-implimentazzjoni rispettiva tagħhom jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà.
- (39) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.
- (40) Jenħtieġ li l-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jkun fih dispożizzjonijiet allinjati mad-drittijiet, mar-responsabbiltajiet u mal-obbligi previsti fil-ftehim qafas taħt il-Faċilità għall-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/792 iffirmata bejn l-Unjoni u l-Ukrajna li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2024. Dak jiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbutin mas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ikunu protetti b'mod effiċjenti, billi jipprovdi l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kwalunkwe irregolarità oħra marbuta mal-assistenza, u l-miżuri xierqa relatati mal-ġlieda kontra dawn. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jagħti wkoll id-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude), lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, inkluż minn partijiet terzi involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Ukrajna tirrapporta wkoll irregolaritajiet fir-rigward tal-użu tal-fondi lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri previsti fil-ftehim qafas taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.
- (41) F'konformità mal-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jenħtieġ li l-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jiżgura li l-kostijiet kollha mġarrbin mill-Unjoni li jkunu relatati mas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jiġġarrbu mill-Ukrajna, inklużi, fejn applikabbli, il-kostijiet tal-iskambji lejn u minn muniti barranin.
- (42) Minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tal-Ukrajna kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u sabiex tappoġġa lill-Ukrajna fil-perkors ta' stabbiltà fit-tul tagħha, huwa xieraq li l-Unjoni tippovdi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna bħala self b'rikors limitat li għandu jsir dovut u pagabbli meta l-Ukrajna tirċievi flus jew assi nonmonetarji mingħand ir-Russja għar-reparazzjonijiet tal-gwerra, indennizzi jew kwalunkwe saldu finanzjarju mingħand ir-Russja, għajr territorju.
- (43) Jenħtieġ li r-rilaxx ta' fondi skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ikun kontinġenti fuq il-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni ta' talba għal fondi

sottomessa mill-Ukrajna. Għall-assistenza makrofinanzjarja, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet skont programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, jenħtieġ li r-rilaxx ta' fondi jkun marbut ma' kuntratti jew ma' ftehimiet għal attivitajiet, għal nefqiet u għal miżuri li jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna relatati ma' prodotti tad-difiża jew ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża.

- (44) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet xierqa għall-finanzjament tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.
- (45) L-impatt devastanti tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna għandu effetti konsegwenzjali sinifikanti għall-Unjoni, inkluż permezz ta' theddid għall-fruntieri esterni tagħha, attackki ċibernetiċi u ibridi, interruzzjonijiet fl-enerġija u fit-trasport, migrazzjoni furzata u destabilizzazzjoni tal-viċinat tal-Lvant tagħha, u b'hekk jaffettwa s-sigurtà, id-difiża u l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Il-kriżi li rriżultat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mhux biss uriet in-nuqqasijiet fis-settur industrijali tad-difiża tal-Unjoni u tal-Ukrajna, iżda wkoll li s-sigurtà tal-Ukrajna u dik tal-Unjoni huma marbutin b'mod inseparabbli, u li l-paċi, il-prosperità u r-reżiljenza tal-Unjoni stess jiddependu fuq l-abilità tal-Ukrajna li tiddefendi s-sovrani u l-integrità territorjali tagħha. Għalhekk, l-Unjoni jeħtieġ li tipprovdi lilha nnifisha bil-mezzi sabiex issaħħaħ id-difiża u r-reżiljenza kollettivi tagħha u sabiex tkompli tappoġġa lill-Ukrajna. Ir-riżorsi finanzjarji fuq skala eċċezzjonali huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mingħajr ma tiżdied il-pessjoni fuq il-finanzi tal-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li jkun hemm rispons eċċezzjonali fil-livell tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, fuq bażi eċċezzjonali, li tiegħu b'self il-bilanċi tal-flus neċessarji f'istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li jakkumulaw minħabba li t-tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja ma humiex permessi, li jintużaw esklużivament sabiex jiffinanzjaw is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna għall-iskop uniku li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Jenħtieġ li dak it-teħid b'self isir b'mod li jipproteġi bis-sħiħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni finanzjarja rilevanti u jippermettilha tirrispetta l-impenji kuntrattwali kollha relatati mal-assi u mar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja.
- (46) Dawn il-miżuri speċifiċi huma mingħajr preġudizzju għall-pretensjoni tal-Bank Ċentrali tar-Russja. Dak l-assi ma huwiex impattat mill-miżuri pprovduti skont dan ir-Regolament. Il-bilanċi tal-flus li jakkumulaw fil-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala riżultat tal-immobilizzazzjoni ma jappartjenux għall-Bank Ċentrali tar-Russja u ma jikkostitwixxux assi sovrani.
- (47) Minħabba li xi wħud mill-bilanċi tal-flus fl-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li jakkumulaw minħabba li t-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja ma humiex permessi huma f'muniti għajr l-euro, huwa xieraq li l-Unjoni titħalla jkollha l-possibiltà kemm li tiegħu kif ukoll li tagħti self f'dawk il-muniti.
- (48) Minħabba l-metodu ta' finanzjament uniku tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, jenħtieġ li l-finanzjament tiegħu jinżamm separat mill-finanzjament ta' programmi oħrajn tal-Unjoni. B'mod speċifiku, jenħtieġ li l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata fl-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ma tintużax għall-finanzjament tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

- (49) Peress li l-bilanċi tal-flus tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jintużaw sabiex jiffinanzjaw is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu jiġġeneraw imgħax għall-istituzzjoni finanzjarja rispettiva, huwa xieraq li sehem mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ikun iddedikat għaż-żamma tal-inizjattiva tas-Self ERA tal-G7.
- (50) L-impatt sinifikanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea jitlob ukoll kontributi kollettivi mingħand l-Istati Membri fil-forma ta' garanziji li jappoġġaw is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni. Dawk il-garanziji huma neċessarji sabiex jippermettu lill-Unjoni tagħti Self Marbut mar-Reparazzjonijiet lill-Ukrajna u sabiex tkopri r-riskju li l-assi tal-Bank Ċentrali Russu jiġu rrilaxxati fin-nuqqas ta' reparazzjonijiet imħallsin mir-Russja lill-Ukrajna. Sabiex jiġi żgurat li l-obbligazzjoni kontinġenti li tirriżulta mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ipprovdut mill-Unjoni lill-Ukrajna tkun kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali applikabbli msemmi fl-Artikolu 312 tat-TFUE u mal-limiti massimi tar-riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE, jenħtieġ li l-garanziji pprovduti mill-Istati Membri jkunu irrevokabbli, mhux kondizzjonati, u fuq talba, filwaqt li jenħtieġ li salvagwardji addizzjonali jtejbu r-robustezza tas-sistema.
- (51) Jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob fondi mill-istituzzjonijiet finanzjarji li qed iżommu l-bilanċi tal-flus u jenħtieġ li toħroġ strument ta' dejn li jispeċifika, b'mod partikolari, l-imgħaxijiet u l-maturità. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jintlaħaq qbil dwar arranġamenti li jispeċifikaw, b'mod partikolari, il-modalitajiet tat-talba għall-fondi u għall-ħlas lura tal-Unjoni li jenħtieġ li jqisu l-kunsiderazzjonijiet dovuti tal-Unjoni bħala emittent fis-suq u l-ħtiġijiet ta' likwidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Kunsiderazzjonijiet bħal dawn jistgħu jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-użu ta' ekwivalenti ta' flus jekk ipprovduti mill-Unjoni. L-arranġamenti jistgħu jinkludu wkoll il-kopertura tal-kostijiet jew kumpensi għall-istituzzjonijiet finanzjarji għall-kostijiet imġarrbin fir-rigward tal-forniment tal-fondi.
- (52) Huwa essenzjali li jiġu previsti miżuri li jippermettu lill-Unjoni tħallas lura l-istrument ta' dejn mal-istituzzjonijiet finanzjarji f'perjodu ta' żmien qasir, jekk jinqala' b'żonn bħal dan. Bħala parti minn dawk il-miżuri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi neċessarji jkunu disponibbli fil-ħin sabiex jiġi tħallas lura l-kuntratt tad-dejn. Jenħtieġ li dak il-mekkaniżmu jintuża strettament għall-finijiet ta' ħlas lura tempestiv tal-obbligi tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni jkun ibbażat fuq l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni sabiex twettaq operazzjonijiet bħala parti mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata msemmija fl-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità disponibbli skont din. Jenħtieġ li dawk l-operazzjonijiet jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri li jippermettu lill-Kummissjoni tiġġenera l-likwidità fi ħdan il-perjodu ta' żmien meħtieġ u l-possibbiltà li toħroġ titoli ta' dejn tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk l-operazzjonijiet jirrispettaw il-limiti baġitarji skont il-limiti massimi tar-riżorsi proprji u l-qafas finanzjarju pluriennali.
- (53) Wara li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet neċessarji skont is-sistema tar-riżorsi proprji u l-qafas finanzjarju pluriennali, jenħtieġ li tiġi żgurata mill-baġit tal-Unjoni l-kopertura għas-self marbut mar-reparazzjonijiet u għall-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni. Sakemm tiġi żgurata l-kopertura permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni jintuża biss sabiex jiġi żgurat li t-talba għal ħlas ta' garanzija tiġi onorata bis-sħiħ u fil-ħin. Jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw ir-riżorsi ta' flus li huma kieku jippreżentaw, filwaqt li għal kwalunkwe diskrepanza,

jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni jitqies mitlub mill-Istati Membri. Il-ħlas lura tal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni mill-Istati Membri għall-kapital u għar-rati tal-imgħax jenħtieġ li jiġi integrat fil-garanziji f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 223 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u għalhekk jenħtieġ li l-garanzija stabbilita fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2053 tapplika għall-ħlas lura tal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni.

- (54) F'konformità mal-Artikolu 21(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet volontarji għall-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Dawk il-kontribuzzjonijiet jistgħu, *inter alia*, jikkontribwixxu għall-kopertura ta' kwalunkwe interess dovut meta jiġi implimentat l-istrument ta' dejn.
- (55) Jenħtieġ li jkun possibbli għal pajjiżi terzi jew għal sorsi oħrajn li jikkontribwixxu għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet billi jipprovdu garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba li jmorru lil hinn mill-garanziji pprovduti mill-Istati Membri. Inkella, il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet billi jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tal-kambju relatata mal-konverżjoni tal-fondi meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji. Jenħtieġ li kontribuzzjonijiet bħal dawn jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d) u (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
- (56) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/947²³, jenħtieġ li l-obbligazzjoni finanzjarja mis-self skont dan ir-Regolament ma tiġix appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, stabbilita minn dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-appoġġ fil-forma ta' self skont dan ir-Regolament jikkostitwixxi assistenza finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 223(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Meta jitqiesu r-riskji finanzjarji u l-preżenza ta' garanziji, jenħtieġ li ma jiġi kkostitwit l-ebda proviżjonament għall-appoġġ fil-forma ta' self skont dan ir-Regolament, li għandu jiġi ggarantit lil hinn mil-limiti massimi, u, permezz ta' deroga mill-Artikolu 214(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament.
- (57) Meta l-Istati Membri jiffaċċjaw deċiżjonijiet arbitrali mogħtija kontribom fi proċedimenti ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru [*ir-Regolament 122*], jenħtieġ li bħala kwistjoni ta' kooperazzjoni sinċiera jimminimizzaw ir-riskji finanzjarji u legali marbutin mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li huma jinvokaw kwalunkwe oġġezzjoni disponibbli għalihom fi proċedimenti domestiċi jew barranin għar-rikonossiment u għall-infurzar ta' tali deċiżjonijiet. Dan jinkludi li titqajjem l-oġġezzjoni li r-rikonossiment jew l-infurzar tad-deċiżjoni jkun imur kontra l-ordni pubbliku tal-pajjiż fejn jintalab ir-rikonossiment u l-infurzar, skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin tal-1958, kif ukoll oġġezzjonijiet disponibbli oħrajn ibbażati fuq id-dritt nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

²³ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/2021-06-14>).

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali deċiżjonijiet arbitrali ma jgix irrikonoxxuti u infurzati fl-Unjoni.

- (58) Meta Stat Membru jġarrab dannu bħala rizzultat ta' infurzar f'pajjiż terz ta' deċiżjonijiet arbitrali bejn investituri u stati b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament 122], jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura kondivizzjoni ġusta u solidarjetà ma' dak l-Istat Membru permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' garanzija mal-Istati Membri li jkopru r-riskju ta' tali danni. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu ta' kondivizzjoni ġusta u ta' solidarjetà jiġi interpretat sabiex jiġi evitat ħlas doppju lill-Bank Ċentrali tar-Russja meta titneħħa l-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Jekk jintalbu ammonti minn dawn il-garanziji, jenħtieġ li l-ammont dovut mill-Unjoni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jitnaqqas b'ammont ekwivalenti. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament 122], jenħtieġ li mbagħad l-istituzzjonijiet finanzjarji jnaqqsu l-obbligazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-Bank Ċentrali tar-Russja b'ammont ekwivalenti. Sakemm jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet neċessarji skont is-sistema tar-riżorsi proprji u l-qafas finanzjarju pluriennali, jenħtieġ li dak il-mekkaniżmu ta' kondivizzjoni ġusta u ta' solidarjetà jqis dawk l-Istati Membri li pparteċipaw fis-solidarjetà billi jikkondividu r-riskju skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.
- (59) It-trattati bilaterali ta' investiment konklużi bejn ċerti Stati Membri u l-Federazzjoni Russa ma humiex konsistenti mal-politika dwar il-protezzjoni tal-investiment żviluppata mill-Unjoni skont l-Artikolu 207 tat-TFUE sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirtiraw minn dawk it-trattati bilaterali ta' investiment jew jitterminawhom, kif xieraq, u jadottaw attitudni komuni sabiex dan jinkiseb. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-Istati Membri.
- (60) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna skont dan ir-Regolament jiġi ġestit mill-Kummissjoni.
- (61) Jenħtieġ li l-assistenza lill-Ukrajna taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet tkun addizzjonali u komplementari għall-appoġġ tal-Unjoni pprovdut skont il-Faċilità għall-Ukrajna. Jenħtieġ li, kull fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni tftitex li timminimizza l-piż amministrattiv u ta' rapportar fuq l-Ukrajna.
- (62) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis kif xieraq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE²⁴ u r-rwol tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom.
- (63) Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti fi djalogu dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-elementi li jirriżultaw mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, inklużi r-riżoluzzjonijiet mill-Parlament Ewropew jekk jiġu pprovduti.
- (64) Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinformahom

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/427/oj>).

b'mod regolari dwar l-iżviluppi relatati mal-assistenza tal-Unjoni lill-Ukrajna skont dan ir-Regolament u tipprovdihom id-dokumenti rilevanti.

- (65) Sabiex tiġi żgurata l-effettività kontinwa tal-arranġamenti stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina b'mod regolari l-adegwatezza tagħhom u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar din, u b'hekk tiggarrantixxi t-trasparenza u r-responsabbiltà.
- (66) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (67) Peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tingħata assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u tempestiv bl-għan li l-Ukrajna tiġi appoġġata sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minflok, minħabba l-iskala u l-effett tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.
- (68) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' 8 ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (69) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument għall-għoti ta' assistenza tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' self li għandu jitħallas lura permezz tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja (is-“Self Marbut mar-Reparazzjonijiet”).
2. Jistabbilixxi l-oġettiv tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, il-finanzjament tiegħu, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u r-regoli għall-għoti ta' finanzjament bħal dan.

Artikolu 2

Objettivi tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. L-objettiv ġenerali tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jkun li tiġi pprovduta assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat, flessibbli u tempestiv bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha li jirriżultaw b'mod partikolari mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u min-nuqqas ta' ħlas tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja.
2. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv ġenerali, l-objettivi speċifiċi tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandhom ikunu:
 - a. li jappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja billi jiġu ffaċilitati r-restrizzjonijiet ta' finanzjament estern u intern tal-Ukrajna;
 - b. li jappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “prodott tad-difiża” tfisser oġġetti, servizzi u xogħlijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tagħha;
- (2) “assistenza baġitarja deżinjata” tfisser assistenza pprovduta f'konformità mal-Kapitolu III li hija deżinjata bħala disponibbli esklużivament sabiex tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA;
- (3) “Stat taż-ŻEE-EFTA” tfisser Membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħfies li hija membru taż-Żona Ekonomika Ewropea;
- (4) “Self ERA” tfisser self bilaterali eliġibbli u s-self ta' Assistenza Makrofinanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/2773;
- (5) “istituzzjoni finanzjarja” tfisser entità tas-settur finanzjarju kif definita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶, depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>).

²⁶ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj>).

909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ jew kontroparti ċentrali kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸;

- (6) “prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża” tfisser kwalunkwe oġġett, servizz u xogħol għajr dawk li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tagħha, li huma neċessarji jew immirati għal finijiet tad-difiża;
- (7) “assistenza baġitarja mhux deżinjata” tfisser assistenza makrofinanzjarja pprovduta f’konformità mal-Kapitolu III li ma hijiex deżinjata bħala disponibbli b’mod esklużiv sabiex jinżammu l-inizjattiva tas-Self ERA u l-assistenza fil-forma ta’ self li għandu jiġi implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792.

Artikolu 4

Assistenza disponibbli skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jkun għal ammont massimu ta’ EUR 210 000 000 000. Dak l-ammont għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna f’konformità mal-ħtiġijiet ta’ finanzjament tal-Ukrajna, kif previst fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna approvata f’konformità mal-Artikolu 8, soġġett għal dawn:
 - a. ir-rekwiżit li fl-ebda ħin l-ammont pendenti tas-self imqiegħed għad-dispożizzjoni ma għandu jaqbeż l-ammont ta’ bilanċi tal-flus f’istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li jakkumulaw minħabba li t-tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja ma humiex permessi; u
 - b. id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta’ garanzija msemminjin fl-Artikolu 26. L-ammont tas-self għandu jsir disponibbli b’mod progressiv, wara d-dħul fis-seħħ ta’ kull ftehim ta’ garanzija rispettiv, dment li l-ebda ammont ma għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni sakemm il-limitu massimu kumulattiv tal-garanziji li jkunu effettivi għal kull segment tal-garanzija skont l-Artikolu 25(4) jaqbeż il-50 % tal-ammont massimu tas-segment rispettiv. L-ammont tas-self magħmul disponibbli ma għandux jaqbeż il-limitu massimu kumulattiv tal-garanziji li jkunu effettivi skont l-Artikolu 25(4).

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj>).

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj>).

2. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2030, bl-eċċezzjoni tal-assistenza baġitarja deżinjata li għandha tkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2055. Dan għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali, li jistgħu jiġu żborżati f'segment wieħed jew aktar. Il-pagamenti parzjali jew is-segmenti jistgħu jiġu pprovduti bl-euro jew b'muniti għajr l-euro għall-ammonti tal-bilanċi tal-flus f'dawk il-muniti fl-istituzzjonijiet finanzjarji li jakkumulaw bħala tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja li għalihom ma jkunx permess li jsiru tranżazzjonijiet.
3. Soġġett għall-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-ammont massimu indikattiv li għandu jiġi żborżat lill-Ukrajna bħala pagamenti parzjali tas-self sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun sa EUR 90 000 000 000.
4. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu ta' disponibbiltà tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, inkluż fil-każ ta' saldu mir-Russja tad-danni tal-gwerra, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2), tista' tnaqqas l-ammont mhux skontat tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jew tikkanċellah.
5. Il-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv:
 - a. tkun daħlet fis-seħħ u tkun applikabbli deċiżjoni li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet relatati mas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tipprevedi riżorsi li jippermettu garanzija skont il-baġit tal-Unjoni għall-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 23; u
 - b. ikun daħal fis-seħħ u jkun applikabbli qafas finanzjarju pluriennali msemmi fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi garanzija skont il-baġit tal-Unjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u kwalunkwe finanzjament neċessarju tal-kostijiet.

Artikolu 5

Prekundizzjonijiet għall-assistenza taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandha tkun li l-Ukrajna tkompli ssostni u tirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari multipartitika, l-istat tad-dritt, u li tiggarrantixxi r-rispett

għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Iż-żamma u r-rispett tal-istat tad-dritt għandhom jinkludu l-għlieda kontra l-korruzzjoni.

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw l-issodisfar tal-prekundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, b'mod partikolari qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 8 u r-rilaxx ta' fondi msemmi fl-Artikolu 22. Barra minn hekk, il-monitoraġġ għandu jqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-korpi internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ tagħha.

KAPITOLU II

IMPLIMENTAZZJONI TAS-SELF MARBUT MAR- REPARAZZJONIJIET

Artikolu 6

Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

1. Sabiex tirċievi assistenza finanzjarja u ekonomika taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, l-Ukrajna għandha tippreżenta, fil-prinċipju kull sena, lill-Kummissjoni Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna li għandha ttipprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna, fil-prinċipju għat-12-il xahar li ġejjin.
2. L-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għandu jkun fiha:
 - a. is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi ewlenin li fuqhom hija bbażata l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna;
 - b. informazzjoni dwar il-baġit tal-Ukrajna, għal kull trimestru, inklużi:
 - i. il-bilanċ baġitarju mmirat għall-gvern estiż bħala perċentwal tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), diżaggregat skont is-sottosettur tal-gvern estiż;
 - ii. il-projezzjonijiet għan-nefqa u għad-dħul bħala perċentwal tal-PDG għall-gvern estiż u għas-subsetturi ewlenin tiegħu, u l-komponenti ewlenin tagħhom skont il-klassifikazzjoni ekonomika;
 - iii. informazzjoni rilevanti dwar in-nefqa tal-gvern estiż skont il-funzjoni, b'mod partikolari dwar id-difiża;

- iv. deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-miżuri tan-nefqa u tad-dħul li għandhom jiġu inklużi fil-baġit;
 - v. anness li fih il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet, u kwalunkwe parametru rilevanti ieħor li jsostni t-tbassir baġitarju.
- c. informazzjoni dwar l-iżviluppi finanzjarji tal-passat u dawk ipproġettati tal-Ukrajna fil-gvern estiż, għal kull trimestru, inklużi:
- i. informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-likwidità (bilanċ tal-flus) għall-gvern estiż u għas-subsetturi ewlenin tiegħu;
 - ii. l-amortizzamenti tad-dejn;
 - iii. strateġija għall-ħruġ ta' dejn;
 - iv. flussi oħra li joħolqu u jnaqqsu d-dejn.
- d. informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza mogħtija qabel taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, inkluż kwalunkwe rkupru finanzjarju tagħha;
- e. informazzjoni dwar assistenza militari *in natura* pproġettata;
- f. fuq il-bażi tal-baġit tal-Ukrajna u tal-assistenza militari *in natura* mbassra, il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern mistennija għall-perjodu kopert minn dik l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inkluża diżaggregazzjoni tal-ammonti f'dak il-baġit neċessarji għall-finijiet tal-Artikolu 2(2)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament. Dik id-diżaggregazzjoni għandu jkun fiha l-valur tal-prodotti tad-difiża li jkuu se jinxtraw barra mill-Unjoni u mill-Ukrajna;
- g. il-finanzjament estern impenjat u mistenni fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-perjodu kopert minn dik l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inkluża diżaggregazzjoni tal-ammonti ta' dak il-finanzjament estern li għandhom jintużaw f'konformità mal-finijiet tal-Artikolu 2(2)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament;
- h. fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-punti (f) u (g) ta' dan il-paragrafu, id-diskrepanza mistennija fil-finanzjament estern li għaliha l-Ukrajna tfittex l-assistenza permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet skont dik l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inkluża diżaggregazzjoni tal-ammonti ta' dik id-diskrepanza mistennija fil-finanzjament estern għall-finijiet tal-Artikolu 2(2)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament;

- i. sabiex tiġi appoġġata n-nefqa pluriennali skont il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament, informazzjoni dwar il-ħtiġijiet pluriennali potenzjali u baġit korrispondenti.
3. L-Ukrajna tista' tissottometti Strateġiji tal-Ukrajna aġġornati għall-Finanzjament sa meta l-assistenza baġitarja u l-assistenza mhux deżinjati kollha pprovduti f'konformità mal-Kapitolu IV ikunu saru aċċessibbli skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 8.
4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Ukrajna tista' tirċievi wkoll assistenza finanzjarja mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 10(3).

Artikolu 7

Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 6 mingħajr dewmien żejjed.
2. Meta twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet jew tftitex informazzjoni addizzjonali, inkluża l-verifika tal-informazzjoni mal-Istati Membri, ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Ukrajna għandha tipprovi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba u tista' tirrevedi l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna jekk ikun meħtieġ, inkluż wara s-sottomissjoni tagħha.
3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna u għandha, b'mod partikolari, tivvaluta:
 - a. il-kompletezza, il-fattibbiltà u l-koerenza tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mas-suppożizzjonijiet sottostanti;
 - b. il-konsistenza tal-informazzjoni fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ma' sorsi esterni, inklużi kwalunkwe rieżami riċenti tal-Fond Monetarju Internazzjonali u informazzjoni mill-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna u mill-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna;
 - c. il-konsistenza tad-diskrepanza fil-finanzjament estern mistennija mad-distribuzzjoni indikattiva li ġejja tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet:
 - i. EUR 95 000 000 000 għall-assistenza makrofinanzjarja f'konformità mal-Kapitolu III, li minnhom EUR 45 000 000 000 f'assistenza baġitarja deżinjata

għall-flas lura ta' Self ERA, jew għall-assistenza fil-forma ta' self li għandu jiġi implimentat skont il-Faċilità għall-Ukrajna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792;

ii. EUR 115 000 000 000 sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV.

d. il-konformità mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1).

Meta twettaq il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe impatt potenzjali fuq il-preżenza regolari fis-suq kapitali tal-Unjoni li jkollu l-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 23 għall-finanzjament tal-ammont previst li għandu jiġi appoġġat mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, hija għandha, mingħajr dewmien, tippreżenta proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 8.
5. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, hija għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-Ukrajna, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-valutazzjoni tagħha. Valutazzjoni negattiva ma għandhiex tipprevjeni lill-Ukrajna milli tissottometti Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna riveduta.
6. Meta l-Kummissjoni tivvaluta aġġornament għall-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill

1. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna jew tal-aġġornament tagħha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tagħmel l-assistenza finanzjarja u ekonomika aċċessibbli.
2. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 1 għandha:
 - a. tiddetermina l-ammont tal-assistenza li għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna sabiex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inkluż l-ammont ta' dik l-assistenza aċċessibbli:

- i. għall-assistenza makrofinanzjarja f'konformità mal-Kapitolu III, inkluż l-ammont li għandu jkun aċċessibbli esklużivament sabiex tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA;
 - ii. għall-assistenza fil-forma ta' self li għandu jiġi implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792;
 - iii. sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV.
 - b. tistabilixxi n-numru massimu u tal-valur indikattiv tal-pagamenti parzjali għall-assistenza aċċessibbli għall-assistenza makrofinanzjarja f'konformità mal-Kapitolu III.
3. Id-determinazzjoni tal-ammonti tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li għandhom isiru aċċessibbli għandha:
- a. tirrispetta l-ammont massimu disponibbli għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet previst fl-Artikolu 4(1), filwaqt li tiżgura li jkunu disponibbli riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi rrispettat l-Artikolu 10(2);
 - b. tqis il-ħtieġa li tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet ma' donaturi oħrajn fil-kopertura tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna.
4. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 9

Komplementarjetà u koordinazzjoni

1. Fl-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna, mal-Istati Membri, mal-korpi internazzjonali rilevanti u mad-donaturi għall-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna u mal-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna, sabiex tiżgura approċċ koerenti u konsistenti minn dawk li jappoġġaw lill-Ukrajna sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' assistenza finanzjarja u ekonomika tal-Ukrajna. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tibbaża fuq l-għarfien espert tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

2. L-Artikolu 5, l-Artikolu 7, l-Artikolu 13, l-Artikolu 14, l-Artikolu 15 u l-Artikolu 22(1)(c) għandhom japplikaw f'konformità mad-Deċiżjoni 2010/427/UE.

KAPITOLU III

ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA

Artikolu 10

Skop

1. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tikkontribwixxi sabiex tkopri d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna, kif identifikata fi Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ivvalutata b'mod pożittiv.
2. Sakemm is-Self ERA jitħallas lura kollu kemm huwa, EUR 45 000 000 000 f'assistenza makrofinanzjarja għandhom jiġu ddeżinjati bħala disponibbli esklużivament sabiex tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA.
3. Ladarba l-assistenza baġitarja u l-assistenza mhux deżinjata kollha pprovduti f'konformità mal-Kapitolu IV ikunu saru aċċessibbli skont l-Istrateġiji tal-Ukrajna approvati għall-Finanzjament f'konformità mal-Artikolu 8, l-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Ukrajna l-assistenza baġitarja deżinjata li jifdal f'konformità mal-modalitajiet miftiehma fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 11(3).
4. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-prekundizzjoni msemmija fl-Artikolu 5 u tal-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' politika inklużi fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 11.

Artikolu 11

Memorandum ta' Qbil

1. Fir-rigward tal-ammonti approvati ta' assistenza makrofinanzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 8(2)(a)(i), il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Ukrajna dwar il-kundizzjonijiet ta' politika li magħhom għandha tkun marbuta l-assistenza makrofinanzjarja. Dawk il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil (MtQ).
2. Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jinkludu impenji, inklużi dawk li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jsaħħu l-mobilizzazzjoni tad-dħul, itejbu s-sostenibbiltà u l-

kwalità tan-nefqa pubblika u jtejb u l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabilità tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

3. Il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Ukrajna f'dak il-MtQ dwar il-modalitajiet ta' kif għandha tintuża l-assistenza makrofinanzjarja sabiex tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA.
4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-iffirmar tal-MtQ u tal-emendi tiegħu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

KAPITOLU IV

ASSISTENZA SABIEX JIĠU APPOĠĠATI L-KAPAĊITAJIET INDUSTRIJALI TAD-DIFIŻA TAL-UKRAJNA

Artikolu 12

Skop

L-assistenza għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna għandu jkollha l-għan li tippermetti lill-Ukrajna twettaq investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-Ukrajna u tal-integrazzjoni tagħha fl-industrija tad-difiża Ewropea bħala rispons u b'segwitu għas-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti. Din l-assistenza għandha tikkontribwixxi, b'mod partikolari, għar-rikostruzzjoni, għall-irkupru u għall-modernizzazzjoni tal-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena, bil-ħsieb li tiżdied il-prontezza industrijali fil-qasam tad-difiża tagħha, filwaqt li titqies l-integrazzjoni gradwali futura tagħha fil-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea u permezz ta' appoġġ għad-disponibbiltà tempestiva ta' prodotti tad-difiża u ta' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża, permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna.

Artikolu 13

Eliġibbiltà

1. L-attivitajiet, in-nefqi u l-miżuri li jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna għandhom ikunu eliġibbli għall-assistenza dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. L-attivitajiet, in-nefqi u l-miżuri li jappoġġaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna għandhom ikunu relatati ma' prodotti tad-difiża jew ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża u għandhom jimmiraw li:
 - a. iħaffu l-aġġustament tal-industrija tad-difiża Ukrena għall-bidliet strutturali, inkluż permezz tal-ħolqien u l-irrankar tal-kapaċitajiet tal-manifattura tagħha kif ukoll l-attivitajiet ta' appoġġ relatati;

- b. itejbu d-disponibbiltà tempestiva tal-prodotti tad-difiża jew ta' prodotti oħrajn għal finijiet tad-difiża għall-Ukrajna, inkluż permezz tat-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-konsenja tagħhom, ir-riżerva ta' slots tal-manifattura jew il-kumulazzjoni ta' prodotti tad-difiża jew ta' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża, ta' prodotti intermedji jew ta' materja prima; jew
 - c. isaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ewropea u l-Bażi Teknoloġika u Industrijali tad-Difiża Ukrena, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-Ukrajna ta' rinforz industrijali tad-difiża u l-akkwist tad-difiża, u jippermettu l-interkambjabbiltà ta' prodotti tad-difiża jew ta' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża manifatturati mill-industrija tad-difiża Ukrena u mill-industrija tad-difiża Ewropea.
3. Il-prodotti tad-difiża għandhom jiġu prodotti f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- a. Il-manifatturi u s-sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna. Dawn ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz li ma huwiex Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li ma hijiex stabbilita fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna;
 - b. Permezz ta' deroga mill-punt (a), sabiex titqies il-kooperazzjoni industrijali ma' sħab mhux tal-UE, prodotti tad-difiża li jinvolvu sottokuntrattur involut fil-produzzjoni li jiġi allokat bejn 15 % u 35 % tal-valur tal-kuntratt, u li ma jkunx stabbilit jew ma jkollux l-istrutturi ta' ġestjoni eżekuttivi tiegħu fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna, għandhom ikunu eliġibbli dment li tiġi ssodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - i. tkun ġiet stabbilita relazzjoni kuntrattwali diretta relatata mal-prodott tad-difiża bejn il-kuntrattur u dak is-sottokuntrattur qabel it-28 ta' Mejju 2025;
 - ii. il-manifattur jimpenja ruħu li jistudja, fi żmien sentejn, il-fattibbiltà tas-sostituzzjoni tal-input ipprovdut minn dak is-sottokuntrattur b'input alternattiv, mingħajr restrizzjoni li joriġina mill-Unjoni, mill-Istati taż-ŻEE-EFTA jew mill-Ukrajna, u li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi u ta' żmien.
 - c. Permezz ta' deroga mill-punt (a), prodotti tad-difiża li jinvolvu manifatturi jew sottokuntratturi stabbiliti fl-Unjoni u kkontrollati minn pajjiż terz ieħor jew minn entità oħra ta' pajjiż terz li ma tkunx Stat taż-ŻEE-EFTA jew l-Ukrajna għandhom

ikunu eliġibbli jekk dan il-manifattur jew is-sottokuntrattur ikun ġie soġġett għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 u, fejn neċessarju, għal miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jew jekk dan il-manifattur jipprovdi garanziji f'konformità mal-punt (d) ivverifikati mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit;

- d. Il-garanziji msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu għandhom jipprovdu aċċertamenti li l-involvement tal-manifattur jew tas-sottokuntrattur fil-produzzjoni tal-prodott tad-difiża ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawk il-garanziji għandhom b'mod partikolari jissostanzjaw li, għall-finijiet tal-attivitajiet, tan-nefqu u tal-miżuri, ikun hemm fis-seħħ miżuri sabiex jiġi żgurat li:
- i. il-kontroll fuq il-manifattur jew fuq is-sottokuntrattur ma jiġix eżerċitat b'mod li jrażżan jew jirrestrinġi l-kapaċità tiegħu li jwettaq l-attivitajiet, in-nefqu u l-miżuri appoġġati; u
 - ii. l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjata għal informazzjoni klassifikata jew sensittiva relatata mal-prodott tad-difiża manifatturat jiġi pprevenut u l-impjegati jew persuni oħrajn involuti fil-produzzjoni tal-prodott tad-difiża jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru, fejn xieraq, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali.
- e. L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-manifatturi u tas-sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni għandhom ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, ta' Stat taż-ŻEE-EFTA jew tal-Ukrajna. Meta l-manifatturi jew is-sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni ma jkollhom l-ebda alternattiva jew infrastruttura, faċilità, assi u riżorsi faċilment disponibbli fit-territorju ta' Stat Membru, ta' Stat taż-ŻEE-EFTA jew tal-Ukrajna, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew li jkunu miżmumin barra minn dawk it-territorji, dment li tali użu ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;
- f. Il-manifatturi u s-sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà msemmijin f'dan il-paragrafu meta jkunu

ssodisfaw kundizzjonijiet ekwivalenti skont ir-Regolamenti (UE) 2018/1092²⁹, (UE) 2021/697³⁰, (UE) 2023/1525³¹, jew (UE) 2023/2418³² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew skont ir-Regolament (UE) 2025/1106 u dment li l-ebda bidla sussegwenti ma tqajjem dubji dwar l-issodisfar ta' dawk il-kundizzjonijiet;

- g. Il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-Unjoni, mill-Istati taż-ŻEE-EFTA u mill-Ukrajna ma għandhiex tkun ogħla minn 35 % tal-kost stmat tal-komponenti tal-prodott tad-difiża. L-ebda komponent ma għandu jinkiseb minn pajjiż terz li jikser l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;
 - h. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni" tfisser kwalunkwe entità legali li tipprovi inputs kritiċi li għandhom attributi uniċi essenzjali għall-funzjonament ta' prodott, li tiġi allokata tal-anqas 15 % tal-valur tal-kuntratt, u li teħtieġ aċċess għal informazzjoni klassifikata għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.
4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, prodott tad-difiża li ma jikkonformax ma' tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu għandu jkun eliġibbli meta disponibbiltà jew iż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-konsenja ta' prodott tad-difiża li jikkonforma mal-paragrafu 3 ma jkunx kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Ukrajna, anke jekk dan il-prodott kien soġġett għal talba klassifikata bħala prijorità kif imsemmi fl-Artikolu 19, dment li l-manifattur tal-prodott tad-difiża jkun stabbilit fl-Unjoni, fi Stat taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna. Meta, f'sitwazzjoni bħal din, il-manifattur involut fil-produzzjoni ma jkollu l-ebda alternattiva jew infrastruttura, faċilità, u assi rilevanti faċilment disponibbli fit-territorju ta' Stat Membru, ta' Stat taż-ŻEE-EFTA jew tal-Ukrajna, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew li jkunu miżmumin barra minn dawk it-territorji, dment li tali użu ma jmurx

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1092/oj>).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1525/oj>).

³² Ir-Regolament (UE) 2023/2418 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) (ĠU L, 2023/2418, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2418/oj>).

kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Din id-deroga ma tkunx applikabbli fil-każ li fih il-manifattur ma jkollux infrastruttura, faċilitajiet jew assi tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, ta' Stat taż-ŻEE-EFTA jew tal-Ukrajna.

5. Il-manifatturi ta' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni, f'pajjiż taż-ŻEE-EFTA jew fl-Ukrajna.
6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 3 u 5, il-kontribuzzjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-paragrafu 8, il-punt (e), għandhom jintużaw f'konformità mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-programm rispettiv tal-Unjoni.
7. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 3 u 4, soġġett għall-qbil tal-Kummissjoni, meta jkun hemm hteġġa urġenti għal prodott tad-difiża partikolari li tirriżulta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u dment li tali akkwist ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-akkwist ta' prodott tad-difiża li ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-paragrafi jista' jkun eliġibbli għal assistenza finanzjarja skont dan il-kapitolu dment li:
 - a. ma jkun hemm l-ebda prodott ekwivalenti li jwieġeb għal dik il-hteġġa urġenti li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 jew li ma jkunx disponibbli fl-iskala meħtieġa; jew
 - b. iż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-konsenja għal prodott bħal dan ikun ferm iqsar minn dak għal prodott li jkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, anke jekk dan il-prodott kien soġġett għal talba klassifikata bħala prijorità kif imsemmi fl-Artikolu 19.

F'każ bħal dan, l-Ukrajna għandha tipprovdi l-evidenza kollha li għandha tiġi vverifikata mill-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-deroga huma ssodisfati, inkluż, fil-kuntest tal-punt (b), impenn legali mill-manifattur li huwa se jikkonforma maż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-konsenja.

8. L-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri relatati ma' prodotti tad-difiża jew ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża għandhom jiġu implimentati fi ħdan wieħed mill-metodi ta' implimentazzjoni li ġejjin:
 - a. akkwisti mill-Ukrajna, soġġetti għall-validazzjoni tal-akkwist u tal-konsenja mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri involuti. L-Ukrajna għandha tkun responsabbli għal tali akkwisti skont id-dritt tal-Ukrajna, fejn il-validazzjonijiet mill-

Kummissjoni jew mill-Istati Membri għandhom jinkludu, fuq bażi ta' kampjuni, kontrolli tad-dokumentazzjoni kuntrattwali, tal-fatturi u taċ-ċertifikati ta' konsenja, spezzjonijiet fiżiċi għand il-fornituri u verifika fiżika tal-konsenji;

- b. akkwisti mill-Ukrajna li jkunu akkwist komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/1106;
- c. ftehimiet bejn l-Ukrajna u l-Istati Membri jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;
- d. ftehimiet ta' akkwist bejn l-Ukrajna u organizzazzjonijiet internazzjonali jew intergovernattivi;
- e. kontribuzzjonijiet mill-Ukrajna għall-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna stabbilit mir-*[Regolament EDIP]*, il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/792 għal oġġetti b'użu doppju jew programmi oħrajn tal-Unjoni.

L-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri relatati ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża jistgħu jiġu implimentati wkoll minn akkwisti mill-Ukrajna għal akkwisti taħt is-EUR 7 000 000, dment li jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni.

9. Il-kuntratti relatati ma' akkwisti, ma' ftehimiet jew ma' kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 8 għandhom ikunu eliġibbli jekk jiġu ffirmati wara [*data tal-proposta tal-Kummissjoni*] dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.
10. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi testendi l-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex tinkludi pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, dment li tali pajjiżi jipprovdu appoġġ addizzjonali mdaqqas lill-Ukrajna li jista' jintuża għal nefqa li tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, u liema appoġġ ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni kemm mill-industrija Ewropea kif ukoll mill-industrija tal-Ukrajna. Fid-determinazzjoni ta' jekk pajjiż ikunx ipprova appoġġ addizzjonali mdaqqas lill-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tqis l-appoġġ addizzjonali bħala perċentwal tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna meta mqabbel mal-PDG tal-pajjiż meta mqabbel mal-PDG tal-Unjoni.

Artikolu 14

Skedi tal-prodotti

1. Fir-rigward tal-ammonti approvati ta' assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna kif imsemmi fl-Artikolu 8(2)(a)(iii), l-Ukrajna għandha tfassal skeda għal kull attività, nefqa jew miżura relatata ma' prodott tad-difiża jew ma' prodott ieħor għall-finijiet tad-difiża li għalihom ikollha l-ħsieb li titlob l-assistenza. Dik l-iskeda għandha tistabbilixxi:
 - a. deskrizzjoni tal-prodott tad-difiża jew ta' prodott ieħor għall-finijiet tad-difiża;
 - b. informazzjoni dwar il-konformità mal-Artikolu 13.
2. L-Ukrajna għandha tikkonsulta l-iskeda mal-Kummissjoni bl-għan li tiżgura l-konformità mal-Artikolu 13. Jekk l-Ukrajna ma tidentifikax metodu ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(8) jew jekk il-Kummissjoni tqis li metodu alternattiv ta' implimentazzjoni jkun aktar ekonomiku, effiċjenti jew effettiv, il-Kummissjoni tista' tipproponi metodu ta' implimentazzjoni lill-Ukrajna. Meta tipproponi lill-Ukrajna l-aktar metodu xieraq ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis it-tempestività tal-konsenja tal-prodott, tal-attività, tan-nefqa jew tal-miżura rilevanti, il-prezzijiet disponibbli, l-esperjenza tal-passat b'dak il-metodu ta' implimentazzjoni u, fejn ġustifikata, l-esperjenza tal-passat mal-manifatturi skont dak il-metodu ta' implimentazzjoni.
3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Ukrajna ma għandhiex tkun meħtieġa tfassal skeda għall-implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(8)(e).

Artikolu 15

Grupp ta' Esperti tal-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna

1. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-assistenza bl-għan li tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna.
2. Minbarra r-rappreżentanti tas-servizzi tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna għandu jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Istati taż-ŻEE-EFTA. Il-pajjiżi terzi msemmijin fl-Artikolu 13(9) għandhom jitħallew jinnominaw rappreżentanti. L-Ukrajna għandha tiġi mistiedna għal-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna kif xieraq.

3. Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Kapaċitajiet Industrijali tad-Difiża tal-Ukrajna għandu jipprovdi pariri, għarfien espert u appoġġ dwar il-prodotti tad-difiża u prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża, kif ukoll dwar il-metodu ta' implimentazzjoni.

Artikolu 16

Amministrazzjoni tal-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna

L-Ukrajna għandha tiftaħ kont speċjali għall-iskop uniku tal-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja u ekonomika riċevuta sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna. Fir-rigward ta' dan il-kont:

- a. il-pagamenti kollha tal-kuntratti jew tal-ftehimiet li jintalbu għal assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna għandhom jitħallsu minn dan il-kont;
- b. il-Kummissjoni għandha tingħata drittijiet ta' monitoraġġ fuq dan il-kont;
- c. l-Ukrajna għandha ttiprovdi lill-Kummissjoni b'rapport ta' kull xahar, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-aħħar ta' kull xahar, li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:
 - i. id-data u l-ammont ta' kull pagament li jsir mill-kont matul ix-xahar preċedenti;
 - ii. l-isem tar-riċevitur ta' kull pagament;
 - iii. deskrizzjoni tal-iskop ta' kull pagament u kif dan ikun relatat mal-kuntratti jew mal-ftehimiet sottomessi fit-talbiet għal fondi;
 - iv. kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tintalab b'mod raġonevoli mill-Kummissjoni.

Artikolu 17

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-assistenza sabiex tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, b'mod partikolari inkluż it-twassil tal-prodotti, f'konformità ma' dan l-Artikolu.
2. Għall-akkwisti mill-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 13(8)(a) li huma vvalidati mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tuża l-proċess ta' validazzjoni stabbilit fih.

3. Għall-akkwisti mill-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 13(8)(a) li jiġu vvalidati mill-Istati Membri, l-Istat Membru għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-akkwist u l-konsenja f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u jirrapporta lill-Kummissjoni.
4. Għall-akkwisti mill-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 13(8)(b), l-Istati Membri li jkunu parti minn tali akkwist komuni għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-akkwist u l-konsenja u jirrapportaw lill-Kummissjoni.
5. Għal ftehimiet bejn l-Ukrajna u l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13(8)(c), l-Istat Membru għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-konsenja u jirrapporta lill-Kummissjoni.
6. Għal ftehimiet bejn l-Ukrajna u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża f'konformità mal-Artikolu 13(8)(c), l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-konsenja u tirrapporta lill-Kummissjoni.
7. Għall-ftehimiet ta' akkwist bejn l-Ukrajna u organizzazzjonijiet internazzjonali jew intergovernattivi f'konformità mal-Artikolu 13(8)(d), l-Ukrajna għandha tinkludi f'tali ftehimiet ta' akkwist obbligi fuq l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew intergovernattivi rispettivi sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-akkwist u l-konsenja u sabiex jirrapportaw lill-Kummissjoni.
8. Jekk il-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Ukrajna dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' kuntratt f'konformità mal-Artikolu 20(2)(g) jew issir taf bin-nuqqas ta' konsenja ta' prodotti skont dan l-Artikolu jew in-nuqqas ta' użu ta' fondi fil-kont imsemmi fl-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha żżomm kuntatt mal-Ukrajna sabiex tadatta dawk il-fondi għal skop differenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Modifika ta' ftehimiet jew ta' kuntratti qafas

1. Meta l-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri relatati mal-prodotti tad-difiża jiġu implimentati fi ħdan l-Unjoni permezz tal-metodi msemmijin fl-Artikolu 13, il-paragrafu 8(b) jew (c), ir-regoli previsti fil-paragrafi 2 sa 4 għandhom japplikaw għal ftehim jew għal kuntratt qafas eżistenti li jkollu bħala l-għan tiegħu x-xiri ta' prodotti tad-difiża, li jintuża f'dak il-metodu ta' implimentazzjoni, u li ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġi emendat sostanzjalment. Meta tapplika l-paragrafi 2 u 3, l-awtorità kontraenti li tkun ikkonkludiet il-ftehim jew il-kuntratt qafas għandha tikseb il-ftehim minn qabel tal-impriża li magħha tkun ikkonkludiet dak il-ftehim jew il-kuntratt qafas.

2. Awtorità kontraenti ta' Stat Membru tista' timmodifika ftehim jew kuntratt qafas eżistenti għall-prodotti tad-difiża, meta dak il-ftehim jew il-kuntratt qafas ikun għie konkluż ma' impriża li tikkonforma ma' kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 13(3) u (4) ta' dan ir-Regolament, sabiex iżżid lill-Ukrajna bħala parti minn dak il-ftehim jew il-kuntratt qafas.
3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 29(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/81/KE, awtorità kontraenti ta' Stat Membru tista' tagħmel emendi sostanzjali għall-kwantitajiet stabbiliti fi ftehim jew f'kuntratt qafas, b'valur stmat ogħla mil-limiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/81/KE, fejn dak il-ftehim jew il-kuntratt qafas ikun għie konkluż ma' impriża li tikkonforma ma' dawk il-kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 13(3) u (4) ta' dan ir-Regolament, u sa fejn il-modifika tkun strettament neċessarja għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur imsemmi fil-paragrafu 3, il-valur aġġornat għandu jkun il-punt ta' referenza meta l-kuntratt ikun jinkludi klawżola ta' indiċjar.
5. Awtorità kontraenti li tkun immodifikat ftehim jew kuntratt qafas fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu għandha tippubblika avviż għal dak l-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/81/KE.
6. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, il-prinċipju ta' drittijiet u ta' obbligi ugwali għandu japplika bejn l-awtoritajiet kontraenti li huma parti għall-ftehim jew għall-kuntratt qafas, b'mod partikolari fir-rigward tal-kost tal-kwantitajiet addizzjonali akkwistati.

Artikolu 19

Prijoritizzazzjoni volontarja tal-prodotti tad-difiża

1. Għall-iskop uniku ta' dan ir-Regolament u meta l-Ukrajna tkun qiegħda taffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista ta' prodotti tad-difiża li jkunu meħtieġa b'urġenza u li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 13(3) jew (4), operatur ekonomiku flimkien mal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tiegħu jistgħu jissottomettu b'mod konġunt talba lill-Kummissjoni sabiex tohrög miżura ta' prijoritizzazzjoni sabiex tingħata prijorità lil ċerta ordni ta' tali prodotti manifatturati minn dak l-operatur ekonomiku.
2. It-talba konġunta msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- (a) It-talba inizjali mill-Ukrajna;
 - (b) Il-lista ta' prodotti li għandhom ikunu soġġetti għall-miżura ta' prijoritizzazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom u l-kwantitajiet li fihom għandhom jiġu forniti;
 - (c) It-termini sa meta għandha titlesta l-konsenja ta' dawn il-prodotti;
 - (d) Evidenza li l-operatur ekonomiku ma jistax jissodisfa t-talba mill-Ukrajna msemmija fil-punt (a) mingħajr miżura ta' prijoritizzazzjoni;
 - (e) Indikazzjoni ta' prezz ġust u raġonevoli li bih tista' titqiegħed il-miżura ta' prijoritizzazzjoni kif ukoll elementi li jissostanzjaw dak il-prezz.
3. Malli tirċievi talba kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik it-talba mingħajr dewmien żejjed.
4. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 3 fuq data oġġettiva, fattwali, li tista' titkejjel u sostanzjata, bl-għan li tiddetermina jekk tali prijoritizzazzjoni tkunx indispensabbli sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet severi msemmijin fil-paragrafu 1.
5. Meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tikkonkludi li l-prijoritizzazzjoni tkun indispensabbli, il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għandha tadotta miżura ta' prijoritizzazzjoni li tistabbilixxi:
- a. il-bażi legali tat-talba klassifikata bħala prijorità li għandha tiġi rrispettata mill-operatur ekonomiku;
 - b. il-lista ta' prodotti soġġetti għat-talba klassifikata bħala prijorità, l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom u l-kwantitajiet li fihom għandhom jiġu forniti;
 - c. it-termini sa meta għandha titlesta t-talba klassifikata bħala prijorità;
 - d. il-benefiċjarji tat-talba klassifikata bħala prijorità;
 - e. l-ambitu tal-obbligi kuntrattwali li fuqhom it-talba klassifikata bħala prijorità għandu jkollha preċedenza;
 - f. ir-rinunzja tar-responsabbiltà kuntrattwali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu; u
 - g. il-penali previsti fil-paragrafi 12 sa 18 ta' dan l-Artikolu għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dak l-att ta' implimentazzjoni.

L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

6. Il-miżura ta' prijoritizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha:
 - a. tittieħed bi prezz ġust u raġonevoli, filwaqt li jitqiesu b'mod adegwat il-kostijiet tal-għażla tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa l-miżura ta' prijoritizzazzjoni meta mqabbla mal-obbligi kuntrattwali eżistenti; u
 - b. tiegħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu kuntrattwali skont id-dritt privata jew pubbliku relatat mal-prodotti tad-difiża soġġetti għall-miżura ta' prijoritizzazzjoni, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.
7. L-operatur ekonomiku soġġett għal miżura ta' prijoritizzazzjoni skont il-paragrafu 5 ma għandu jkun responsabbli għall-ebda ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun regolat bid-dritt ta' Stat Membru, dment li:
 - a. il-ksur tal-obbligu kuntrattwali jkun strettament neċessarju għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni meħtieġa;
 - b. ikun ġie osservat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5; u
 - c. it-talba msemmija fil-paragrafu 1 ma kellhiex l-uniku skop li tevita bla bżonn obbligu ta' eżekuzzjoni minn qabel skont id-dritt privat jew pubbliku.
8. L-operatur ekonomiku soġġett għal miżura ta' prijoritizzazzjoni jista' jitlob lill-Kummissjoni timmodifika l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 meta jqis li dan ikun iġġustifikat kif xieraq fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
 - a. l-operatur ekonomiku ma jkunx jista' jeżegwixxi l-miżura ta' prijoritizzazzjoni minħabba abbiltà tal-produzzjoni jew kapaċità tal-produzzjoni insuffiċjenti, anke taħt trattament preferenzjali tat-talba;
 - b. it-tlestija tal-miżura ta' prijoritizzazzjoni tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli fuq l-operatur ekonomiku, u tinvolvi diffikultà partikolari għalih.
9. L-operatur ekonomiku għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti u sostanzjata kollha sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-merti tat-talba għal modifika msemmija fil-paragrafu 8.
10. Fuq il-bażi tal-eżami tar-raġunijiet u tal-evidenza pprovduti mill-operatur ekonomiku, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni u qbil minn qabel tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni rilevanti tal-operatur ekonomiku kkonċernat, tista' temenda l-att ta' implimentazzjoni tagħha sabiex tirrilaxxa, parzjalment jew

kompletament, lill-operatur ekonomiku kkonċernat mill-obbligi tiegħu skont dan l-Artikolu.

11. Meta operatur ekonomiku, wara li jkun aċċetta b'mod espliċitu li jipprijoritizza l-ordnijiet mitlubin mill-Kummissjoni, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformax mal-obbligu li jagħti prijorità lil dawk l-ordnijiet, dan għandu jkun soġġett għall-multi stabbiliti fil-paragrafi 12 sa 18 ta' dan l-Artikolu, ħlief meta:

- a. l-operatur ekonomiku ma jkunx jista' jeżegwixxi t-talba klassifikata bħala prijorità minħabba abbiltà tal-produzzjoni jew kapaċità tal-produzzjoni insuffiċjenti, jew minħabba raġunijiet tekniċi; jew
- b. l-eżekuzzjoni jew it-tlestija tat-talba tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli fuq l-operatur ekonomiku, u tinvolvi diffikultà partikolari għalih, inklużi riskji sostanzjali relatati mal-kontinwità tal-operat.

Id-dħul mill-multi għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għal programm ta' assistenza esterna li għalih tkun eliġibbli l-Ukrajna.

12. Meta tqis li jkunu neċessarji u proporzjonati, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' timponi multi fuq l-operaturi ekonomiċi li ma jaqbżux it-EUR 300 000 meta l-operatur ekonomiku, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformax mal-obbligu li jeżegwixxi t-talba klassifikata bħala prijorità skont dan l-Artikolu.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

13. Qabel ma tiegħu deċiżjoni skont il-paragrafu 12, il-Kummissjoni għandha tipprovdi opportunità sabiex l-operatur ekonomiku kkonċernat jinstema' f'konformità mal-paragrafu 15. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe ġustifikazzjoni debitament motivata ppreżentata mill-operatur ekonomiku bl-għan li tiddetermina jekk il-multi jitqisux neċessarji u proporzjonati.

14. Meta tiffissa l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, inkluż jekk l-operatur ekonomiku jkunx ikkonforma parzjalment mal-ordni kklassifikata bħala prijorità jew mat-talba klassifikata bħala prijorità.

15. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 12, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu ngħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet dwar:
 - a. is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni, inkluża kwalunkwe kwistjoni li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tkun qajmet oġġezzjonijiet;
 - b. il-miżuri li l-Kummissjoni jista' jkollha l-ħsieb li tiegħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.
16. L-operaturi ekonomiċi kkonċernati jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni sa terminu li għandu jiġi f'fissat mill-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha, u li ma jistax ikun inqas minn 14-il jum tax-xogħol.
17. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-impożizzjoni tagħha ta' multi biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom l-operaturi ekonomiċi kkonċernati setgħu jikkumentaw.
18. Meta l-Kummissjoni tkun informat lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati bis-sejbiet preliminari tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 15, jekk mitluba tagmel dan, hija għandha tagħti aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni skont it-termini ta' divulgazzjoni negozjata, soġġett għall-interess leġittimu tal-operaturi ekonomiċi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom, jew sabiex jiġu ppreżervati s-sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra ta' kwalunkwe persuna. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali u għal dokumenti interni tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari għall-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddivulga u tuża l-informazzjoni neċessarja sabiex tagħti prova ta' ksur.
19. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri li jipproteġu l-interessi ta' garanzija essenzjali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE.

KAPITOLU V

FINANZJAMENT U IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 20

Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. It-termini finanzjarji dettaljati tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.
2. Minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jirrikjedi li:
 - (a) is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jkun self b'rikors limitat li għandu jsir dovut u pagabbli mal-okkorrenza ta' skattatur ta' ħlas lura kif definit fis-subparagrafu (k);
 - (b) l-Ukrajna għandha ttiprovdi lill-Unjoni interess ta' garanzija fuq il-pretensjoni tagħha fuq ir-Russja għal reparazzjonijiet bħala garanzija għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Il-valur ta' dak l-interess ta' garanzija għandu fi kwalunkwe ħin ikun ugwali għall-valur tal-fondi żborżati permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet;
 - (c) id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligu previsti fil-ftehim qafas taħt il-Faċilità għall-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/792 japplikaw għal dan il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u għall-fondi fih;
 - (d) l-ammont tal-assistenza msemmi fl-Artikolu 8(2)(a)(ii) għandu jiġi implimentat f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792, bl-eċċezzjoni tar-regoli dwar id-durata u l-ħlas lura tas-self, li għandhom ikunu rregolati bir-regoli ta' dan ir-Regolament;
 - (e) l-Ukrajna tuża l-istess sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll kif proposti fil-Pjan għall-Ukrajna stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2024/792, inkluż lil hinn mill-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 6(2) f'dak ir-Regolament;
 - (f) il-Kummissjoni għandha d-dritt li timmonitorja l-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri skont il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament li jitwettqu mill-awtoritajiet Ukreni, matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett;
 - (g) l-Ukrajna tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni jekk ma jiġix implimentat abbozz ta' kuntratt jew ta' ftehim iffinanzjat permezz tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet;
 - (h) l-Ukrajna tkompli tirrispetta l-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1);
 - (i) l-Ukrajna ma treġġa' lura l-ebda miżura meħuda skont kwalunkwe strument kurrenti jew preċedenti ieħor ta' appoġġ ipprovdut mill-Unjoni jew mill-FMI rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
 - (j) qabel l-iżborż tal-assistenza finanzjarja u ekonomika, l-Ukrajna għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2024/2773 sabiex tiżgura li tinżamm l-inizjattiva tas-Self ERA;

(k) l-Ukrajna għandha tkun responsabbli għall-ħlas lura tal-kapital tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet fi żmien 30 jum, jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin, li kull waħda minnhom tikkostitwixxi skattatur ta' ħlas lura għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

i. ir-riċevuta ta' flus mill-Ukrajna għal reparazzjonijiet tal-gwerra, għal indennizzi jew għal kwalunkwe saldu finanzjarju mingħand ir-Russja, sal-ammont tat-tali saldu; jew

ii. 90 jum mir-riċevuta ta' assi nonmonetarji mill-Ukrajna għar-reparazzjonijiet tal-gwerra, għal indennizzi jew għal kwalunkwe saldu finanzjarju mir-Russja, għajr territorju, sal-ammont tat-tali saldu li għandu jiġi ddeterminat minn valwazzjoni indipendenti. Fuq talba tal-Ukrajna, il-Kummissjoni tista' tagħti estensjoni ta' dan il-perjodu ta' żmien jekk ikun strettament ġustifikat; jew

iii. l-Ukrajna tikser is-subparagrafu (h); jew

iv. ikun ġie stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, l-Ukrajna tkun wettqet kwalunkwe att ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(l) l-Ukrajna tkun responsabbli li tħallas lura s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet:

i. fil-każ tas-subparagrafu (k), il-punti (i) u (ii), għal ammont tal-valur monetarju tar-reparazzjonijiet tal-gwerra, tal-indennizzi jew ta' kwalunkwe saldu finanzjarju mingħand ir-Russja ugwali għall-proporzjon tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet pendenti kontra s-somma tal-valur tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet pendenti, kwalunkwe self marbut mar-reparazzjonijiet pendenti pprovdut mill-membri tal-G7 u kwalunkwe obligazzjoni pendenti taħt is-self ERA;

ii. fil-każ tas-subparagrafu (k), il-punt (iii), għall-ammont totali pendenti tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet;

iii. fil-każ tas-subparagrafu (k), il-punt (iv), għall-valur tal-frodi, tal-korruzzjoni jew ta' kwalunkwe attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(m) kwalunkwe ammont tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet mhux kopert mill-obbligazzjoni msemmija fis-subparagrafu (l) għandu jibqa' fis-seħħ sakemm iseħħu eventi skattaturi futuri ta' ħlas lura;

(n) fil-każ ta' pagamenti jew ta' rkupri, l-Ukrajna għandha tindika l-pagamenti rilevanti mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li qed jitħallsu lura jew jiġu rkuprati f'konformità mal-Artikolu 25(6).

Il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jinkludi wkoll kwalunkwe rekwiżit ieħor meħtieġ għall-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

3. In-nuqqas ta' konformità mat-termini tal-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jikkostitwixxi raġuni sabiex il-Kummissjoni tissospendi jew tikkanċella, kompletament jew parzjalment, ir-rilaxx tal-pagament jew tas-segmenti.

4. Jekk jintalab, il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-istess ħin.

Artikolu 21

Talba għal fondi

1. Sabiex tirċievi assistenza finanzjarja u ekonomika, l-Ukrajna għandha tissottometti lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-fondi. Talba għall-fondi bħal din tista' tiġi sottomessa mill-Ukrajna lill-Kummissjoni, fil-prinċipju, sitt darbiet fis-sena.
2. Għall-assistenza makrofinanzjarja, it-talba għall-fondi għandha tkun akkumpanjata minn rapport f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-MtQ.
3. Għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna:
 - (a) it-talba għall-fondi tista' tkopri diversi prodotti. Għal kull prodott kopert, it-talba għall-fondi għandu jkun fiha kuntratt jew ftehim f'konformità mal-Artikolu 13 u skeda f'konformità mal-Artikolu 14. Kuntratti jew ftehimiet bħal dawn jistgħu jiġu ffirmati jew f'forma ta' abbozz finalizzat;
 - (b) jekk it-talba għall-fondi titlob finanzjament għal ammont akbar minn 20 % tal-ammont magħmul aċċessibbli f'konformità mad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 8, l-Ukrajna għandha tipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata, inkluż dwar l-impatt għal talbiet futuri għall-fondi skont dik id-deċiżjoni.

Artikolu 22

Deċiżjoni dwar ir-rilaxx tal-assistenza

1. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-assistenza soġġetta għall-valutazzjoni tagħha tar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) għall-assistenza makrofinanzjarja li ma tkunx assistenza baġitarja deżinjata:
 - i. il-konformità mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1);
 - ii. l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ imsemmi fl-Artikolu 11; u
 - iii. il-konformità mal-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet msemmi fl-Artikolu 20.
 - (b) għall-assistenza baġitarja deżinjata, li t-talba tkun f'konformità mal-modalitajiet tal-MtQ kif imsemmi fl-Artikolu 11(3).
 - (c) għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna:
 - i. il-konformità mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1);
 - ii. konferma li l-kuntratti jew il-ftehimiet ikunu għal prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 u li l-Kummissjoni ma toġġezzjonax għall-metodi ta' implimentazzjoni;

- iii. konferma li l-Ukrajna tirrispetta b'mod ġenerali l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 u fi kwalunkwe emenda tiegħu;
 - iv. il-konformità mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 16 u fil-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 20; u
 - v. sa fejn tkun neċessarja, l-adegwatezza tal-ġustifikazzjoni dettaljata tal-Ukrajna, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjoni fl-Ukrajna u l-finanzjament estern impenjat u mistenni disponibbli.
2. Soġġett għall-konformità mal-ammont ta' assistenza aċċessibbli previst fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 8, fejn il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva tat-talba għall-fondi, hija għandha tadotta, mingħajr dewmien żejjed, deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna, dak l-ammont li għandu jiġi żborżat għandu jkun daqs il-valur tal-kuntratti jew tal-ftehimiet inklużi fit-talba għall-fondi.
3. Il-Kummissjoni tista' tipproċedi bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għall-punti (a), (b) u (c) skont il-paragrafu 1 b'mod kollettiv jew individwali.
4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva għat-talba għall-fondi, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-Ukrajna, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-valutazzjoni tagħha. Valutazzjoni negattiva ma għandhiex tipprevjeni lill-Ukrajna milli tippreżenta talba ġdida għall-fondi.

Artikolu 23

Finanzjament tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. Sabiex tiġi ffinanzjata l-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tiegħu b'self il-bilanċi tal-flus neċessarji msemmijin fl-Artikolu 4(1)(a). L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata msemmija fl-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ma għandhiex tapplika għal dak il-finanzjament.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, malli jirċievu t-talba tal-Kummissjoni għall-fondi, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-ammont neċessarju mill-bilanċi tal-flus imsemmijin fl-Artikolu 4(1)(a). Il-parametri finanzjarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-obbligu ta' dejn tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti stabbiliti fuq l-ammont li jkun qed jiġi riċevut mill-Kummissjoni ("strument ta' dejn"):
 - (a) l-imgħax dovut mill-Unjoni għandu jkun ugwali għall-imgħax dovut lill-Bank Ċentrali tar-Russja skont it-termini tal-kuntratti rilevanti jew arranġamenti oħrajn mill-istituzzjoni finanzjarja rilevanti fuq l-assi u fuq ir-riżervi msemmijin fl-Artikolu 4(1)(a);
 - (b) il-maturità tal-strument ta' dejn għandha tkun:
 - i. għad-depożitorji ċentrali tat-titoli, jum wieħed;

ii. għall-istituzzjonijiet finanzjarji li ma humiex depożitorji ċentrali tat-titoli, adattati għan-natura tal-kuntratti rilevanti jew ta' arranġamenti oħra msemmijin fis-subparagrafu (a);

- (c) l-istrument ta' dejn għandu jkun fil-munita tal-bilanċ tal-flus assoċjat;
- (d) il-ħlas lura tal-istrument ta' dejn għandu jsir fil-forma ta' flus, jew, jekk strettament neċessarju, ta' ekwivalenti ta' flus għall-użu bħala kollateral;
- (e) l-ammont dovut mill-Unjoni taħt l-istrument ta' dejn għandu jitnaqqas b'ammont ugwali għas-sehem tal-bilanċ pendenti ta' dak l-istrument ta' dejn tal-bilanċ pendenti totali tat-tali strumenti ta' dejn, kontra l-ammont rimborżat mill-Unjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 24(2). Dak it-tnaqqis għandu jsir wara notifika mill-Unjoni u jseħħ fl-okkażjoni tal-maturità tal-istrument ta' dejn.

Dak l-istrument ta' dejn għandu jiġi ttrattat bħala ekwivalenti għall-flus skont ir-regoli kontabilistiċi applikabbli.

3. Fuq il-bażi tad-dritt applikabbli tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil kull istituzzjoni finanzjarja li mingħandha jkollha l-ħsieb li titlob il-fondi. Fid-deċiżjoni dwar liema istituzzjonijiet finanzjarji għandha tinnotifika, il-Kummissjoni għandha tqis il-kundizzjonijiet tal-finanzjament, inklużi l-kost tal-finanzjament, id-disponibbiltà ta' fondi bl-euro u d-domandi amministrattivi, filwaqt li tiżgura l-involviment dovut ta' dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha maż-żmien.

Il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jaqblu dwar arranġamenti li jispeċifikaw b'mod partikolari l-modalitajiet tat-talba għall-fondi, il-kopertura tal-kostijiet u l-kumpensi relatati mal-forniment ta' fondi u l-modalitajiet ta' ħlas lura.

Kwalunkwe implimentazzjoni ta' strument ta' dejn li jinvolvi kostijiet għall-Unjoni hija kundizzjonali fuq il-kopertura tal-kostijiet kontinġenti:

- (a) mill-Istati Membri permezz ta' kontribuzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 21(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;
- (b) mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 jew minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 27; jew
- (c) mill-baġit tal-Unjoni dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(5) jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv b'mod li jippermetti l-kopertura ta' dawk il-kostijiet tal-istrument ta' dejn.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa f'isem l-Unjoni li titlob il-finanzjament mill-istituzzjonijiet finanzjarji li tkun innotifikat f'konformità mal-paragrafu 3 għal ammont ugwali għall-pagament parzjali jew għas-segment li għandu jiġi rilaxxat. It-talba għall-fondi għandha tinkludi struzzjonijiet dwar il-ħlas tal-bilanċi tal-flus imsemmijin fl-Artikolu 4(1)(a) u l-ħlas lura tal-istrument ta' dejn.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 4, jekk l-applikazzjoni tal-punt (e) tal-paragrafu 2 twassal għal tnaqqis li jaqbeż il-bilanċ pendenti tal-istrument ta' dejn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa f'isem l-Unjoni li titlob il-finanzjament mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji li hija tkun innotifikat f'konformità mal-paragrafu 3 għal ammont ugwali għal dak l-eċċess.

6. L-istrument ta' dejn imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jipproteġi bis-siġh il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni finanzjarja rilevanti u jippermettilha tonora l-impenji kuntrattwali kollha relatati mal-assi u mar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja.

7. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 112(2) u 114(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-impenn legali skont l-Artikolu 24 jista' jiġi adottat mingħajr ma jsir impenn baġitarju minn qabel, li jista' jiġi diżaggregat fuq diversi snin f'pagamenti parzjali annwali.

8. Mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni huwa stabbilit għall-iskop uniku li jiġi żgurat il-ħlas lura msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d). Sabiex tiffinanzja l-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tiegħu b'self il-fondi neċessarji fis-swieq kapitali jew mingħand istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self relatati mal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni għandhom jitwettqu bl-euro.

9. It-teħid b'self għall-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni u l-kostijiet tiegħu għandhom ikunu koperti f'konformità mal-garanziji pprovduti:

(a) mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(e); jew

(b) skont il-baġit tal-Unjoni, jekk il-faċilità ta' likwidità tal-Unjoni tiġi ffinanzjata wara li jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(5).

10. Mill-mument li fih jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(5):

(a) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 223(4)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe kost tar-rata tal-kambju relatat mas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu inizjalment jiġġarrab mill-baġit tal-Unjoni;

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 214(4), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, fejn wara l-ħlas lura tat-teħid b'self imsemmi f'dan l-Artikolu mill-garanzija taħt il-baġit tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(5), l-ammonti mħallsin mill-Ukrajna jew irkuprati mingħandha fir-rigward tal-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet msemmi fl-Artikolu 4(1) jew l-ammonti rkuprati fuq il-bażi tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 24(2) għandhom jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni bħala dħul ieħor.

11. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 31(3), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/947, l-assistenza finanzjarja pprovduta lill-Ukrajna skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ma għandhiex tiġi appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. L-ebda proviżjonament għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ma għandu jkun ikkostitwit u, permezz ta' deroga mill-Artikolu 214(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ma għandha tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament.

Artikolu 24

Kondiviżjoni ġusta u solidarjeta

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe azzjoni neċessarja sabiex jimminimizzaw ir-riskji finanzjarji u legali marbuta mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, 11a, 11e u 11f tar-Regolament 833/2014 u għall-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) [*l-Artikolu tar-Regolament 122*], l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja f'konformità mat-Trattati.
2. Bl-għan li jiġu żgurati l-kondiviżjoni ġusta u s-solidarjetà, l-Unjoni għandha tħallas lura, fi ħdan il-limitu tal-ammont li jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 4(1), l-ammonti msemmijin fl-Artikolu 5a(7), il-ħames subparagrafu, tar-Regolament 833/2014 u fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) [*l-Artikolu tal-proposta 122*] fuq talba debitament ġustifikata tal-Istati Membri jekk il-proċedimenti rilevanti jkunu tnedew sa [*16,5-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. L-Unjoni għandha tassumi kwalunkwe dritt fir-rigward tal-ammonti rimborżati.
3. Ir-rimborż imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jibbaża, jekk ikun neċessarju, fuq kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fil-forma ta' garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba kif previsti fl-Artikolu 25.
4. Il-Kummissjoni għandha tesplora l-għażliet kollha disponibbli għas-salvagwardja tal-Istati Membri jekk dan ikun neċessarju għat-tisħiħ ulterjuri tal-kondiviżjoni ġusta u tas-solidarjetà.

Artikolu 25

Kontribuzzjoni fil-forma ta' garanziji mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu billi jipprovdu garanziji sal-ammont totali ta' EUR 210 000 000 000 fir-rigward tal-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 4(1) u l-kondiviżjoni ġusta u s-solidarjetà skont l-Artikolu 24(2).
2. Meta jsiru kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, dawn għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba permezz ta' ftehim ta' garanzija mal-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 26.
3. Is-sehem relattiv tal-kontribuzzjoni tal-Istat Membru kkonċernat (kjavi ta' kontribuzzjoni) għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jikkorrispondi għas-sehem relattiv ta' dak l-Istat Membru fl-ING totali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-intestatura "Dħul Ġenerali" tal-baġit għall-2026, il-Parti A ("Finanzjament tal-

baġit annwali tal-Unjoni, Introduzzjoni”), it-Tabella 4, il-kolonna (1), stabbilit fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, kif adottat b’mod definittiv fi [data tal-adozzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026].

4. Il-garanzija għandha ssir effettiva fir-rigward tal-Istati Membri f’żewġ segmenti ugwali. Għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) l-ewwel segment tal-garanzija għandu jsir effettiv fir-rigward tal-Istat Membru mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta’ garanzija bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, imsemmi fl-Artikolu 26;

(b) it-tieni segment tal-garanzija għandu jsir effettiv awtomatikament fir-rigward tal-Istat Membru fl-1 ta’ Jannar 2028 sakemm l-Istat Membru ma jkunx innotifika lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2027 li t-tieni segment tal-garanzija ma għandux isir effettiv fir-rigward tiegħu mill-1 ta’ Jannar 2028. Meta t-tieni segment tal-garanzija ma jkunx sar effettiv b’mod awtomatiku skont l-ewwel sentenza, għandu jsir effettiv fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat mid-data li fiha dak l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni.

Il-kopertura tal-kostijiet skont il-punt (c) tal-Artikolu 26 għandha tnaqqas l-ammont tas-self disponibbli skont l-Artikolu 4(1) b’ammont li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni.

5. L-ammonti li jirriżultaw minn talbiet għal hłas ta’ garanzija għajr dawk iffinanzjati permezz tal-mekkaniżmu ta’ likwidità tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 23(8) għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f’konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-hłas lura tal-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 4(1).

6. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 214(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, wara li tiġi onorata talba għal hłas ta’ garanzija f’konformità mal-Artikolu 26(a), l-ammonti mħallsin mill-Ukrajna jew irkuprati mingħandha fir-rigward tal-assistenza skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet msemmi fl-Artikolu 4(1) jew l-ammonti rkuprati fuq il-bażi tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 24(2) għandhom jiġu rrimborżati lil dawk l-Istati Membri sal-ammont tat-talbiet għal hłas ta’ garanzija imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(a). F’tali pagamenti jew irkupri mill-Ukrajna, l-Ukrajna għandha tindika l-pagamenti rilevanti mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li qed jitħallsu lura jew jiġu rkuprati, fejn għandu jiġi żgurati li hłas lura jew irkupru proporzjonali tal-fondi jsir kontra l-ammonti pendenti għall-pagamenti magħmulin skont il-Kapitoli III u IV ta’ dan ir-Regolament. Fuq dik il-bażi, ir-rimborżi lill-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b’rispett sħiħ tal-politika ta’ sigurtà u ta’ difiża ta’ ċerti Stati Membri u b’kont meħud tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha.

Artikolu 26

Ftehimiet ta’ garanzija

Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' garanzija ma' kull Stat Membru li jipprovdli garanzija msemmija fl-Artikolu 25. Dak il-ftehim għandu jstabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-garanzija, li għandhom ikunu l-istess għall-Istati Membri kollha, inklużi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet:

- (a) li jstabbilixxu l-obbligu tal-Istati Membri li jonoraw it-talbiet għal ħlas ta' garanzija magħmulin mill-Kummissjoni fir-rigward tal-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 23 u fir-rigward tal-kondiviżjoni ġusta u tas-solidarjetà skont l-Artikolu 24(2);
- (b) li jiżguraw li jsiru t-talbiet għal ħlas ta' garanzija:
 - i. fir-rigward tal-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 23, *pro rata* fuq il-bażi tal-ammont tal-garanzija meta mqabbel mal-limitu massimu kumulattiv tal-garanziji li jkunu effettivi, inklużi l-garanziji ta' pajjiżi terzi pprovduti f'konformità mal-Artikolu 27(2);
 - ii. fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 24(2), *pro rata* fuq il-bażi tal-ammont tal-garanzija meta mqabbel mal-limitu massimu kumulattiv tal-garanziji mill-Istati Membri li jkunu effettivi.
- (c) dment li t-talbiet għal ħlas ta' garanzija jiżguraw il-kapaċità tal-Unjoni li:
 - i. tħallas lura l-bilanċi tal-flus meħuda b'self skont l-Artikolu 23 jekk tali ammont isir dovut f'konformità mal-Artikolu 23(2)(d) filwaqt li l-Ukrajna ma tkunx ħallet lura s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, inkluż jekk l-Ukrajna ma jkollha l-ebda obbligu li tħallas lura f'konformità mal-Artikolu 20(2)(a), kif ukoll, fejn applikabbli, il-kostijiet, inklużi l-kostijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 23(3), it-tielet subparagrafu, il-punt (b), u l-iskambji minn u lejn muniti barranin;
 - ii. tonora kwalunkwe pretensjoni f'konformità mal-Artikolu 24.
- (d) fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-ħlas, inkluż li Stat Membru jista' jonora talba għal ħlas ta' garanzija billi jipprovdli flus jew juża l-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 23(8);
- (e) li jstabbilixxu d-dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 23(8) f'konformità mal-Artikolu 223 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu d-dispożizzjoni li l-użu tal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni għandu jitqies mitlub mill-Istat Membru sa fejn l-Istat Membru ma jindikax lill-Kummissjoni, sa skadenza stabbilita minn din tal-aħħar, l-intenzjoni li juża r-riżorsi ta' flus proprji tiegħu sabiex jonora t-talba għal ħlas ta' garanzija; l-ammont massimu li Stat Membru jista' juża skont il-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni, li għandu jkun daqs il-valur massimu tal-garanzija ta' dak l-Istat Membru; id-durata massima ta' kull żborż tal-mekkaniżmu ta' likwidità tal-Unjoni, li għandu jkun strettament marbut mal-għan li jiġi żgurat il-ħlas lura tal-istrument ta' dejn; u li l-kostijiet kollha mġarrbin mill-Unjoni li jkunu relatati mal-assistenza finanzjarja għandhom jiġġarrbu mill-Istat Membru benefiċjarju;
- (f) li jiżguraw li ma jkunx jista' jibqa' jintalab il-ħlas ta' garanziji wara notifika mill-Kummissjoni mid-data li tiġi l-ewwel minn fost dawn:

i. id-data li fiha jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(5), mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu pendenti tal-Istat Membru skont il-paragrafu (e) ta' dan l-Artikolu; jew

ii. id-data meta kemm (i) ikun permiss li jsiru tranżazzjonijiet relatati mal-ġestjoni tar-riżervi kif ukoll ta' assi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, inklużi tranżazzjonijiet ma' kwalunkwe persuna ġuridika jew entità jew korp legali li jaġixxi f'isem il-Bank Ċentrali tar-Russja, jew taħt id-direzzjoni tiegħu, bħall-Fond ta' Investimenti Nazzjonali Russu, kif ukoll (ii) ma jkun hemm l-ebda pretensjoni ulterjuri possibbli skont l-Artikolu 24(2).

Artikolu 27

Kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi

1. Pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu billi jipprovdu garanziji jew billi jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tal-kambju b'rabta ma' kwalunkwe konverżjoni tal-bilanċi tal-flus meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 23.
2. Meta l-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jsiru fil-forma ta' garanziji, dawn għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' garanziji irrevokabbli, mhux kondizzjonati u fuq talba permezz ta' ftehim ta' garanzija mal-Kummissjoni. Dak il-ftehim għandu jkun fih id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26(a), (b)(i), (c)(i) *mutatis mutandis*. Dawn il-garanziji għandhom ikunu lil hinn mill-garanziji pprovduti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 25.
3. Meta l-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jsiru fil-forma ta' appoġġ għall-ġestjoni tar-riskju tal-kambju b'rabta ma' kwalunkwe konverżjoni ta' bilanċi tal-flus meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 23, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ma' kull pajjiż terz li jipprovdi l-arranġamenti neċessarji għal kontribuzzjoni bħal din. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin u mingħajr dewmien dwar il-ftehimiet konklużi skont dan l-Artikolu.

Artikolu 28

Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva

1. L-informazzjoni klassifikata li tinħoloq, tiġi ttrattata, tinħażen, tiġi skambjata jew kondiviża skont dan ir-Regolament għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli ta' sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 jew fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, kif xieraq.
2. Il-Kummissjoni għandha tuża sistema ta' skambju sigur sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna u, fejn xieraq, mal-Istati Membri.
3. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni klassifikata, neċessarja għall-kompiti assenjati lilha skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-fini tal-verifika tal-kundizzjonijiet għall-iżborż tal-pagamenti u tat-twettiq tal-kontrolli, tar-rieżamijiet, tal-awditi, tal-investigazzjonijiet, tar-rapporti kif ukoll tal-kontrolli u tal-awditi, kif imsemmi fl-Artikolu 20.
4. L-informazzjoni riċevuta bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun intalbet.
5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigriet tal-mestier u kummerċjali u ta' informazzjoni sensittiva oħra miksuba u ġġenerata fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali rispettiv.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 29

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn sebat ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrjn joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 30

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 31

Djalogu dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati trasparenza u akkontabilità akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni sabiex jiddiskutu l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu f'riżoluzzjonijiet fir-rigward tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.
3. Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe element li jirriżulta mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, inklużi r-riżoluzzjonijiet mill-Parlament Ewropew jekk jiġu pprovduti.

Artikolu 32

Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), l-Artikolu 22(2) l-Artikolu 24(2), l-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 27(1), u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed. L-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Kunsill fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew tal-implimentazzjoni tiegħu għandha ssir disponibbli fl-istess ħin għall-Parlament Ewropew, soġġetta għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità jekk ikunu neċessarji.
2. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' din l-implimentazzjoni. Dak ir-rapport għandu:
 - (a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet; u
 - (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ukrajna, kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika msemmijin fl-Artikolu 11(1).
3. Sal-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet pprovdut skont dan ir-Regolament u sa liema punt ikun ikkontribwixxa għall-għanijiet tal-assistenza.

Artikolu 33

Emendi tar-Regolament (UE) 2024/792

Ir-Regolament (UE) 2024/792 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 6(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammonti magħmulin aċċessibbli skont l-Artikolu 8(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) [*Ir-Regolament dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet*] għandhom jiġu implimentati bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali skont il-Kapitolu III fil-forma ta' self u għandhom ikunu supplimentari għall-ammonti msemmijin fil-paragrafi 2 u 3”;

2. Fl-Artikolu 22, fil-paragrafu 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19(1) fir-rigward tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tidħol f’emenda jew f’addendum għal ftehim ta’ self mal-Ukrajna msemmi fl-ewwel subparagrafu bl-għan li tiżgura l-implimentazzjoni tal-ammonti skont il-Kapitolu III, bl-eċċezzjoni tar-regoli dwar id-durata u l-ħlas lura tas-self, li għandhom ikunu rregolati bir-regoli tar-Regolament (UE) [*Ir-Regolament dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet*].”

Artikolu 34

Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	30
4.2.	Data	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għall-Ukrajna u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji kif ukoll appoġġ għall-Industrija tad-Difiża.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Li jiġi stabbilit is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet tal-Ukrajna u li l-assistenza finanzjarja u ekonomika titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna bl-għan li l-Ukrajna tiġi appoġġata sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha li jirriżultaw b'mod partikolari mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u min-nuqqas ta' ħlas tar-reparazzjonijiet dovuti mir-Russja. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet għandu jipprovdi assistenza finanzjarja u ekonomika lill-Ukrajna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat, flessibbli u tempestiv.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Li tiġi appoġġata l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna billi jiġu ffaċilitati r-restrizzjonijiet ta' finanzjament esterni u interni tagħha, u li jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-Ukrajna se tiġi pprovduta b'appoġġ finanzjarju suffiċjenti u kontinwu b'reazzjoni u b'segwitu għas-sitwazzjoni ta' kriżi kurrenti. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet huwa mistenni jgħin sabiex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet baġitarji u tad-difiża tal-Ukrajna għall-futur immedjat.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-awtoritajiet Ukreni se jkunu meħtieġa jirrapportaw b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza mogħtija qabel skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Is-servizzi tal-Kummissjoni jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna sabiex jibbenefikaw mill-informazzjoni intuwtiva mill-attivitajiet li għaddejjin tad-donaturi rispettivi.

Fir-rigward tal-objettiv li jiġu ffaċilitati r-restrizzjonijiet ta' finanzjament, l-awtoritajiet tal-Ukrajna se jkunu meħtieġa jipprovdu rapport dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma qabel l-iżborż tal-pagament parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-proċeduri amministrattivi fl-Ukrajna, li tlestiet f'Ġunju 2020.

Huwa previst rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni *ex post* tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

“ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja³³

“ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

“ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Għall-implimentazzjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, il-Kummissjoni se tidħol fi Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet mal-Ukrajna li jiddeskrivi t-termini finanzjarji tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

Il-Kummissjoni se tikkonkludi ftehim ta' garanzija ma' kull Stat Membru li jipprovdi garanzija li tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-garanzija, li għandu jkun l-istess għall-Istati Membri kollha. Garanziji bħal dawn jistgħu jiġu pprovduti minn pajjiżi terzi wkoll.

Ladarba jkunu fis-seħħ il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet u l-garanziji neċessarji, l-iżborżi mis-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet ikunu kundizzjonali fuq is-sottomissjoni u fuq il-valutazzjoni pożittiva ta' Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. Barra minn hekk, għall-assistenza baġitarja, irid jintlaħaq qbil dwar memorandum ta' qbil (MtQ) bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni. Imbagħad, il-ħlasijiet ikunu kundizzjonali fuq il-kundizzjonijiet rilevanti kemm għall-assistenza baġitarja kif ukoll għall-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jiġi ġestit mill-Kummissjoni. Huma applikabbli dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħra, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju, inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-iżgurar tal-interess finanzjarju tal-Unjoni kif stabbilit fil-Ftehim Qafas skont ir-Regolament (UE) 2024/792. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jaqblu dwar il-MtQ li jstabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*): Din il-proposta twiegebb għall-ħtieġa ta' rispons komuni fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fuq skala adegwata, li ma tistax tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u tista' tinkiseb aħjar

³³

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

mill-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-kapaċità fiskali u r-restrizzjonijiet baġitarji affaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni qawwija sabiex jiġu mmassimizzati l-iskala u l-effettività tal-appoġġ, filwaqt li jiġi limitat il-piż fuq il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet Ukreni, li fiċ-ċirkostanzi kurrenti hija limitata ħafna.

L-inizjattiva hija parti mill-oġġettivi tal-UE li tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-Unjoni għall-appoġġ ekonomiku u għad-difiża, kif ukoll l-inizjattivi tal-Unjoni sabiex tikkoordina azzjonijiet multilaterali.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*): Il-valur miżjud mistenni tal-UE, b'mod partikolari meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, jinkiseb permezz tal-appoġġ rapidu tal-istabbiltà makrofinanzjarja billi jittaffew ir-restrizzjonijiet ta' finanzjament estern u intern tal-Ukrajna u permezz tal-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna - fi ħdan qafas xieraq għar-rekwiżiti ta' rapportar.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja preċedenti lill-Ukrajna huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. Evalwazzjonijiet *ex post* tal-passat ta' operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja preċedenti lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali dawn kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġġettivi, tal-baġit u tal-oġġettivi ta' politika tagħha. Huma wrew li kienu kruċjali sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna tindirizza l-problemi tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin sabiex tiġi stabbilizzata l-ekonomija u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tagħha. Huma ppermettew iffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, kif ukoll aġixxew bħala katalizzatur għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u għall-fiduċja tal-investituri.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija kompatibbli mal-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet huwa kompatibbli wkoll mal-għoti kontinwu ta' appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna permezz tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u s-self bilaterali relatat ERA tal-G7.

Ir-riżorsi għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jiġu ffinanzjati permezz ta' self permezz ta' forma speċifika ta' strument ta' dejn konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti. Tali teħid b'self se jkun garantit mill-Istati Membri u potenzjalment minn pajjiżi terzi wkoll. Meta jitqiesu r-riskji finanzjarji u l-kopertura baġitarja, ma għandu jiġi kkostitwit l-ebda proviżjonament għall-appoġġ fil-forma ta' self skont dan ir-Regolament, li għandu jiġi ggarantit lil hinn mil-limiti massimi, u, permezz ta' deroga mill-Artikolu 214(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Bl-użu ta' self iffinanzjat mis-self rigward il-bilanċi tal-flus fl-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni li jakkumulaw minħabba li t-tranżazzjonijiet rigward l-assi u r-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja ma humiex permessi, din l-operazzjoni żżid l-effettività tar-rispons finanzjarju tal-UE u tipprovdi għall-aktar għażla kosteffiċjenti. Għażliet oħrajn bħal għotjiet mill-Istati Membri jew teħid b'self mill-Unjoni

appoġġat minn ftehimiet ta' kontribuzzjoni mill-Istati Membri jkunu mistennija li jinvolvu kostijiet fiskali għall-Istati Membri.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

durata limitata

- fis-seħħ mill-1 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2030, bl-eċċezzjoni tal-assistenza baġitarja deżinjata li għandha tkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2055.
- impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn dawn il-korpi jkunu kkontrollati minn korpi rregolati bid-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

M/A

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Japplikaw l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni jsir abbażi tal-implimentazzjoni ta' assistenza mogħtija qabel taħt is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-azzjoni jqis il-miżuri speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ukreni fil-MtQ. Il-Kummissjoni tivverifika l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dik il-verifika.

Fl-aħħar nett, il-monitoraġġ tal-azzjoni jqis l-involvement mal-awtoritajiet Ukreni, inklużi t-talbiet rispettivi għall-fondi u l-informazzjoni li tinsab fihom, rigward l-assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinformahom b'mod regolari dwar l-iżviluppi relatati mal-assistenza tal-Unjoni lill-Ukrajna skont dan ir-Regolament u tipprovdihom id-dokumenti rilevanti.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina b'mod regolari l-adeqwatezza ta' tali rekwiżiti ta' rapportar u monitoraġġ u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarhom, u b'hekk tiggarantixxi t-trasparenza u l-akkontabilità.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni *ex post*, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet pprovdut skont dan ir-Regolament u sa liema punt ikun ikkontribwixxa għall-għanijiet tal-assistenza.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont din il-proposta se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. L-appoġġ finanzjarju skont is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet se jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni, soġġett għad-disponibbiltà tal-garanziji tal-Istati Membri. Ir-rilaxx tal-fondi jista' jiġi organizzat malajr matul l-2026, l-2027 u aktar 'il quddiem. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-likwidità tal-Istati Membri u tiġi żgurata l-prevedibbiltà f'każijiet li fihom jintalab il-ħlas ta' garanzija, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' likwidità.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni klassifikata, strettament neċessarja għall-kompiti assenjati lilha skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-fini tal-verifika tal-kundizzjonijiet għall-iżborż tal-pagamenti u tat-twettiq tal-kontrolli, tar-rieżamijiet, tal-awditi, tal-

investigazzjonijiet, tar-rapporti kif ukoll tal-kontrolli u tal-awditi, kif imsemmi fl-Artikolu 20.

Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbutin mas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, jenħtieġ li l-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jkun fih dispożizzjonijiet allinjati mad-drittijiet, mar-responsabbiltajiet u mal-obbligi previsti fil-ftehim qafas skont il-Faċilità għall-Ukrajna. L-Ukrajna se tuża l-istess sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll kif proposti fil-Pjan għall-Ukrajna stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2024/792.

L-Ukrajna se tkun meħtieġa tipprovdi rapporti ta' kull xahar li jipprovdu informazzjoni li tkopri l-pagamenti kollha. Se tiftaħ kont speċjali għall-iskop uniku tal-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja u ekonomika riċevuta sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna. Il-pagamenti kollha tal-kuntratti jew tal-ftehimiet li jintalbu għal assistenza sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna se jitħallsu minn dan il-kont. Il-Kummissjoni se tingħata drittijiet ta' monitoraġġ fuq dan il-kont.

Barra minn hekk, jekk ikun ġie stabbilit li l-Ukrajna kienet involuta f'atti ta' frodi, f'korruzzjoni jew f'attività illegali oħra fir-rigward tal-ġestjoni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet, għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Unjoni tista' titlob il-ħlas lura kmieni tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet.

Sabiex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, jenħtieġ li l-informazzjoni klassifikata li tinħoloq, tiġi ttrattata, tinħażen, tiġi skambjata jew kondiviża skont dan ir-Regolament tiġi protetta f'konformità mar-regoli ta' sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 jew fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, kif xieraq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża sistema ta' skambju sigur sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna u, fejn xieraq, mal-Istati Membri.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża sistema ta' skambju sigur sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna u, fejn xieraq, mal-Istati Membri.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Is-sistemi ta' kontroll fis-seħħ sa issa żguraw rata ta' żball effettiva ta' 0 % għat-tip ta' pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja. Ma hemm l-ebda każ magħruf ta' frodi, ta' korruzzjoni jew ta' attività illegali. L-operazzjonijiet għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-aċċertament u tal-kisba tal-oġettivi u tal-prijoritajiet ta' politika.

Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Il-Ftehim dwar is-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni se jirrikjedi li l-Ukrajna tuża l-istess sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll kif propost fil-Pjan għall-Ukrajna stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2024/792 li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2024 sabiex jiġi żgurat li l-interessi

finanzjarji tal-Unjoni marbutin mas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet jiġu protetti b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġu pprovduti l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni ta' frodi, ta' korruzzjoni u ta' kwalunkwe irregolarità oħra marbuta mal-assistenza, u l-ġlieda kontra dawn. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, hija se tagħti wkoll id-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-Uffiċċju tal-Prosekutor Pubbliku Ewropew, inkluż minn partijiet terzi involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Ukrajna tirrapporta wkoll irregolaritajiet fir-rigward tal-użu tal-fondi lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri previsti fil-ftehim qafas taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ³⁴	mill-pajjiżi tal-EFTA ³⁵	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ³⁶	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

³⁴ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

³⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³⁶ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	
------------------------------------------------------	-------	--

DĠ: <.....>			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0,000
	Pagamenti	(2 a)					0,000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0,000
	Pagamenti	(2b)					0,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi							
Linja baġitarja		(3)					0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=2 a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA <...> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet Skont l-Intestaturi 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”				
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021- 2027
•Riżorsi umani		0,000	0,000	11,554	11,554	23,108
•Nefqa amministrattiva oħra		0,000	0,000	0,659	0,659	1,318
TOTAL		0,000	0,000	12,213	12,213	24,426

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impniji = Total tal-pagamenti)	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426
----------------------------------------------------------------------------------------------	-------------------------------------------	--------------	--------------	---------------	---------------	---------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7	Impenji	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.1.2. Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	
------------------------------------------------------	-------	--

DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0,000
	Pagamenti	(2 a)					0,000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0,000
	Pagamenti	(2b)					0,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi							
Linja baġitarja		(3)					0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=2 a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP

			2024	2025	2026	2027	2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
------------------------------------------------------	----------	--------------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

DĠ: <.....>	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
•Riżorsi umani	0,000	0,000	11,554	11,554	23,108
•Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,659	0,659	1,318
TOTAL DĠ <.....>	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426
----------------------------------------------------------------------------------------------	-------------------------------------------	--------------	--------------	---------------	---------------	---------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATUR I 1 sa 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.2. Output smat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsimma 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip ³⁷	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ³⁸ ...																			
- Output																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																			
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																			
- Output																			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																			
TOTALI																			

³⁷ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
³⁸ Kif deskritt fit-Taqsimma 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. *Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	11,554	11,554	23,108
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,659	0,659	1,318
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426

3.2.3.2. *Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern*

DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.3.3. *Total tal-appropriazzjonijiet*

TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	11,554	11,554	23,108
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,659	0,659	1,318
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	12,213	12,213	24,426

3.2.4. Rekwiżiti smati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	44	44
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	10	10
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
• Persunal estern (FTEs)				
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	0	0	2	2
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] - fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
TOTAL	0	0	56	56

3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern

DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
• Persunal estern (F'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)				
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' - fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0

appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		0	0	0	0

3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + ASSENJAT ESTERN		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0	0	44	44
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	10	10
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0
• Persunal estern (Funitajiet ekwivalenti għall-full-time)					
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		0	0	2	2
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali - fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		0	0	56	56

Tnax-il kariga u 2 ekwivalenti għall-full time (FTEs, Full-Time Equivalents) se jiġu minn riallokazzjonijiet mir-riżerva limitata ta' riallokazzjoni tal-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta teħtieġ 42 kariga addizzjonali minbarra t-tabella tal-persunal, li lkoll għandhom jiġu ffinanzjati mill-Intestatura 7 lil hinn mill-ammont stabbli ta' persunal. Bħala parti mill-proċedura leġiżlattiva, se tiġi proposta dikjarazzjoni għal dan l-għan.

Il-persunal kollu se jiġi ffinanzjat mill-Intestatura 7.

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi

		skont ir-Riċerka		
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	12-il kariga	42 kariga	M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	2 CA			

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	<p>54 uffiċjal u persunal temporanju sabiex jaħdmu fuq:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Programmazzjoni/grupp ta' esperti/Kumitat - Implimentazzjoni: kompiti orizzontali, għarfien espert tematiku/tekniku għall-uffiċċji tal-UE u tal-UA - Strateġija tal-Ukrajna għall-finanzjament - Ħidma fuq l-AMF - Awditu u kontroll - Xogħol legali - Disinn taċ-ċirkwit finanzjarju - Kompiti kontabilistiċi - Sostenibbiltà tal-marġni ta' manuvra - Self fuq terminu qasir (sabiex jitħallsu lura l-istituzzjonijiet finanzjarji) u dejn fuq terminu itwal - Sejħiet għal flus, rapportar tas-saldu, eċċ. - Ġestjoni tal-kuntratti
Persunal estern	<p>2 FTEs sabiex jappoġġaw il-ħidma fuq il-programmazzjoni/il-grupp ta' esperti/il-kumitat</p>

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-appropriazzjonijiet skont l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-appropriazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					

Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,443	0,443	0,886
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,443	0,443	0,886
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL					
	0,000	0,000	0,443	0,443	0,886

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)
- tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP
- tirrikjedi revizzjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt: jistgħu jsiru kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi iżda dawn ma humiex obligatorji peress li l-proposta hija bbażata fuq il-garanziji tal-Istati Membri. Approprijazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. *Impatt stmat fuq id-dħul*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġejj:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa
miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Linja baġtarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³⁹			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Partita 6642 Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna — Dħul Assenjat					

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġtarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

L-inizjattiva tipprovdi appoġġ lil pajjiż terz u ma tistabilixxix servizzi pubbliċi diġitali ġodda fil-livell tal-UE għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi fl-Unjoni. Madankollu, l-elementi diġitali huma ta' appoġġ għas-Self Marbut mar-Reparazzjonijiet fejn il-ġestjoni tal-assistenza finanzjarja, l-appoġġ għall-kapaċità industrijali tad-difiża, u l-inizjattivi ta' self jeħtieġu skambju ta' informazzjoni, verifika, ħżin kif ukoll il-provvista ta' informazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, fejn applikabbli.

R1 – Proċessi diġitali għall-finanzjament u għall-implimentazzjoni (il-Kapitolu V u b'mod partikolari l-Artikolu 27)

Deskrizzjoni: it-trażmissjoni ta' rapporti, ta' dikjarazzjonijiet jew ta' dokumenti ta' sostenn b'mod elettroniku bl-użu ta' kanali siguri u sistemi tal-Kummissjoni għal flussi tax-xogħol bħal talbiet, verifika, deċiżjoni ta' implimentazzjoni jew żborżi.

Partijiet ikkonċernati: Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Kunsill; l-awtoritajiet benefiċjarji, u s-SEAE għall-monitoraġġ tal-prekundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 5.

Proċessi: Ir-rapportar, il-monitoraġġ, il-ġestjoni finanzjarja, l-iskambju ta' informazzjoni.

R2 – Amministrazzjoni tal-appoġġ għall-kapaċità industrijali tad-difiża (il-Kapitolu IV, b'mod partikolari l-Artikolu 16)

Deskrizzjoni: L-awtoritajiet benefiċjarji jeħtiġilhom jittrażmettu d-dokumentazzjoni diġitali li turi l-progress dwar il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża appoġġati, skont mudelli standard tal-Kummissjoni li jippermettu l-verifika awtomatizzata.

Partijiet ikkonċernati: L-awtoritajiet benefiċjarji; is-servizzi tal-Kummissjoni.

Proċessi: Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-validazzjoni tal-akkwisti f'konformità mar-Regolament.

³⁹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

R3 – L-amministrazzjoni tal-Istat Membru u l-kontribuzzjonijiet potenzjali ta' garanzija ta' pajjiżi terzi (b' mod partikolari l-Kapitolu V, l-Artikoli 25, 26 u 27)

Deskrizzjoni: L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi eliġibbli, fejn applikabbli, jissottomettu informazzjoni dwar l-impenji ta' garanzija u d-data finanzjarja relatata permezz ta' kanali elettroniċi siguri, li jippermettu lill-Kummissjoni żżomm regjistru diġitali aġġornat tal-kontribuzzjonijiet.

Partijiet ikkonċernati: Is-servizzi tal-Kummissjoni; l-Istati Membri; pajjiżi terzi kontribwenti potenzjali.

Proċessi: Notifika; ġestjoni tar-reġistri; monitoraġġ finanzjarju.

R4 – Skambju mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, inkluża informazzjoni rilevanti għall-awditjar (b' mod partikolari l-Kapitolu VI, l-Artikoli 31 u 32)

Deskrizzjoni: Il-Kummissjoni jeħtiġilha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti u informazzjoni sensittiva permezz ta' sistemi siguri, fejn neċessarju.

Partijiet ikkonċernati: Is-servizzi tal-Kummissjoni; il-Parlament Ewropew; il-Kunsill; l-awtoritajiet benefiċjarji (upstream).

Proċessi: Rapportar; skambju ta' informazzjoni dwar l-awditjar; trażmissjoni ta' dokumenti klassifikati/sensittivi.

4.2. Data

Għall-R1–R4, id-data tinkludi ċifri finanzjarji, dokumentazzjoni dwar l-iżborż, data dwar il-kapaċità industrijali tad-difiża, data dwar il-kontribuzzjonijiet ta' garanziji, u informazzjoni oħra (inkluż materjal potenzjalment sensittiv/klassifikat).

L-iskambji tad-data huma marbuta bl-iskop, minimi, interoperabbli u mwettqa permezz ta' sistemi siguri eżistenti tal-UE, filwaqt li jiġi evitat il-ġbir doppju tad-data, u jinżamm allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data.

Is-settijiet ta' data u l-kanali ta' rapportar eżistenti tal-Kummissjoni se jerġgħu jintużaw u l-għan huwa li d-data diġà sottomessa għall-iżborż jew għall-monitoraġġ ma terġax tintalab, f'konformità mal-prinċipju ta' darba biss.

Fornituri: L-awtoritajiet benefiċjarji (R1–R2); l-Istati Membri/pajjiżi terzi (R3).

Riċevituri: Is-servizzi tal-Kummissjoni; il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għar-rapportar (R4).

Skattaturi: Ċikli ta' rapportar, talbiet għal żborż, notifiċi ta' garanzija, rekwiżiti tal-awditjar.

Frekwenza: Perjodiku (eż. kull xahar, jew kif iddefinit mod ieħor fir-Regolament), u *ad hoc* għall-ħtiġijiet finanzjarji jew tal-awditjar.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Fir-rigward tar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' rilevanza diġitali (R1-4), il-Kummissjoni għandha tuża sistema ta' skambju sigur u mudelli tad-data sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna u,

fejn xieraq, mal-Istati Membri.

Responsabbiltà: Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet benefiċjarji jew l-Istati Membri jew il-pajjiżi terzi, fejn xieraq.

IA: Ma hemm l-ebda mandat għal xi funzjonalità tal-IA.

Konformità: Is-sistemi kollha għandhom jikkonformaw mal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-UE, l-eIDAS, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u r-regoli tal-Kummissjoni dwar it-trattament ta' informazzjoni klassifikata.

Riutilizzabbiltà: Is-soluzzjonijiet diġitali kollha jibnu fuq l-infrastruttura eżistenti tal-Kummissjoni.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Ir-Regolament jeħtieġ l-iskambju sigur ta' informazzjoni klassifikata/sensittiva, l-aċċess mill-Kummissjoni għad-data kollha neċessarja għall-obbligi stabbiliti fir-Regolament, inkluża l-verifika, u l-protezzjoni tad-data. L-obbligi kollha huma ppjanati li jiġu ssodisfati bl-użu ta' sistemi sikuri eżistenti tal-Kummissjoni mingħajr lakuni fl-interoperabbiltà. Dan jappoġġja l-R1–R4.

4.5. Misure li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Peress li l-Kummissjoni diġà tipprovdi assistenza lill-pajjiż benefiċjarju skont l-oqfsa ta' appoġġ finanzjarju u operazzjonali eżistenti, l-ebda miżura ta' implimentazzjoni diġitali addizzjonali ma hija meħtieġa għall-R1, għall-R3 u għall-R4. Għar-rapportar tal-kapaċitajiet industrijali għad-difiża (R2), il-Kummissjoni tista', fil-livell tas-servizz, tipprovdi gwida u kjarifika dwar il-mudelli diġitali u proċeduri ta' skambju sigur sabiex tiżgura l-prontezza u l-użu konsistenti mill-partijiet involuti.